

Brussell, 2 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8904/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0124(COD)**

**MI 357
ENT 89
ENV 440
CHIMIE 39
IND 210
CONSOM 153
SAN 227
IA 92
CODEC 762**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 217 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 217 final.

Mehmuż: COM(2023) 217 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.4.2023
COM(2023) 217 final

2023/0124 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li
jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 170 final} - {SWD(2023) 113 final} - {SWD(2023) 114 final} -
{SWD(2023) 115 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-deterġenti għandhom rwol ċentrali fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Huma jgħinu fit-twassil tas-saħħa u l-iġjene fi kważi l-oqsma kollha tal-attività tal-bniedem mid-djar u l-iskejjel sal-gyms, l-uffiċċji, l-isptarijiet, il-lukandi u r-ristoranti. Id-deterġenti huma, madankollu, sustanzi kimiċi bi proprjetajiet intrinsiċi li għandhom il-potenzjal li joħolqu riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti¹ ("ir-Regolament dwar id-Deterġenti") jistabbilixxi r-regoli li d-deterġenti jeħtieġ li jikkonformaw magħhom sabiex jiġu introdotti u jiċċaqilqu liberament fis-suq tal-UE. Dawn huma regoli li jiżguraw l-użu sikur tad-deterġenti (rekwiżiti ta' tikkettar u informazzjoni oħra) u l-prestazzjoni ambjentali għolja tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi² għad-deterġenti (rekwiżiti ta' bijodegradabbiltà u limiti ta' fosforu).

L-evalwazzjoni tal-2019 tar-Regolament dwar id-Deterġenti³ identifikat għadd ta' dgħufijiet li ħarġu minn meta ġiet adottata l-leġiżlazzjoni fl-2004. Il-kontroll tal-idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (eskluż ir-REACH)⁴ issottolinja l-kumplessità tal-qafas regolatorju tal-UE għas-sustanzi kimiċi. Din il-kumplessità ġiet attribwita għall-għadd kbir ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni speċifiċi għall-prodott u għas-settur b'rabtiet inkorporati ma' xulxin. Il-kontroll tal-idoneità wera wkoll li hemm lok għal simplifikazzjoni fil-komunikazzjoni tal-informazzjoni ta' tikketti ffullati żżejjed lill-utenti tal-prodotti u sab li l-użu ta' għodod innovattivi għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodott bħalissa huwa subottimali.

L-istrateġija industrijali aġġornata adottata f'Mejju 2021⁵ tenfasizza aktar l-importanza li titħaffef it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-industrija tal-UE, appoġġata, *inter alia*, minn qafas regolatorju koerenti u stabbli.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 dwar il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030⁶ tiddeskrivi kif l-UE tista' tibni fuq il-punti b'saħħithom tagħha u tikseb aktar milli sempliċement tnaqqas id-diskrepanza fit-tkabbir u fl-innovazzjoni. Biex trawwem il-kompetittività, il-Kummissjoni tipproponi li taħdem fuq disa' xprunaturi li jsaħħu lil xulxin, inkluż Suq Uniku li jiffunzjona u d-diġitalizzazzjoni billi jiġu adottati b'mod wiesgħa għodod diġitali fl-ekonomija kollha.

¹ *ĠUL 104, 8.4.2004, p. 1.*

² L-aġenti tensjoattivi huma aġenti li jaħdmu fuq is-superfiċe li jgħinu biex ikissru l-interfaċċja bejn l-ilma u ż-żjut u/jew il-ħmieġ. Huma wieħed mill-ingredjenti ewlenin użati fid-deterġenti.

³ L-Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti, SWD(2019)298

⁴ Il-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (eskluż ir-REACH) SWD(2019)199

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Għida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa; COM(2021) 350 final

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030; 168 final

Barra minn hekk, il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2022⁷ jelenka r-reviżjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti bħala inizjattiva REFIT.

Fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tar-Regolament⁸ u fil-kontroll tal-idoneità tas-sustanzi kimiċi⁹, u li ġew żviluppati bir-reqqa fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti¹⁰, din il-proposta għandha l-għan li taġġorna r-regoli dwar id-deterġenti, issaħħaħ l-infurzar sabiex aktar deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi jidħlu fis-suq tal-Unjoni u tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

- (1) **Ir-Regolament dwar id-Deterġenti ma jqisx l-iżviluppi ġodda fis-suq:** Mill-adozzjoni tar-Regolament fl-2004 ġew żviluppati prodotti innovattivi u prattiki ġodda sostenibbli, li r-regoli attwali jew ma jakkomodawx (prodotti tat-tindif mikrobiċi) jew ma huwiex ċar jekk u kif jakkomodawhom (bejgħ tar-rikariki).
- (2) **Nuqqas ta' rekwiżiti effiċjenti ta' informazzjoni għad-deterġenti:** It-trikkib leġislattiv bejn ir-Regolament dwar id-Deterġenti u r-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikketta u l-Imballaġġ (CLP)¹¹ spiss iwassal biex l-istess sustanza tidher darbtejn jew tliet darbiet fuq l-istess tikketta u xi drabi taħt ismijiet kompletament differenti. Trikkib ieħor bejn dawn il-biċċiet ta' leġislazzjoni tal-UE hija d-duplikazzjoni tal-informazzjoni dwar ir-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa għad-deterġenti kklassifikati bħala perikolużi skont ir-Regolament CLP (skedi tad-*data* dwar l-ingredjenti skont ir-Regolament dwar id-Deterġenti u informazzjoni għaċ-ċentri tal-avvelenament skont is-CLP).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tiżgura li r-regoli tal-Unjoni speċifiċi għad-deterġenti jibqgħu komplementari għad-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għas-sustanzi kimiċi – inklużi d-deterġenti – introdotti fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament CLP u r-Regolament REACH¹². Bħal fil-każ tar-Regolament eżistenti dwar id-Deterġenti, id-dispożizzjonijiet f'din il-proposta se jindirizzaw tħassib li huwa speċifiku għad-deterġenti.

Din il-proposta hija konsistenti mal-prijoritajiet u x-xejriet attwali dwar id-diġitalizzazzjoni b'mod awtomatiku inklużi l-konklużjonijiet dwar id-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar

⁷ https://ec.europa.eu/info/publications/2022-commission-work-programme-key-documents_mt

⁸ L-Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti, SWD(2019)298

⁹ Il-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġislazzjoni l-aktar rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (eskluż ir-REACH), SWD(2019)199

¹⁰ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004.

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni

il-prodotti fl-Evalwazzjoni tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid¹³. Billi tibbaża fuq il-passaport tal-prodotti propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli¹⁴, se tiġi żgurata l-konsistenza u jistgħu jinkisbu sinerġiji ladarba d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jkunu koperti minn dak ir-Regolament.

Barra minn hekk, din il-proposta tqis ukoll il-proposta leġiżlattiva għal Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ¹⁵ li għandu l-għan li jnaqqas l-ammont ta' imballaġġ introdott fis-suq f'termini tal-volum u l-piż tiegħu, u li jipprevjeni l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, speċjalment permezz tal-minimizzazzjoni tal-imballaġġ (bl-użu biss tal-ammont ta' imballaġġ li jkun assolutament meħtieġ). Dan ir-rekwiżit ta' minimizzazzjoni se jnaqqas l-ispazju disponibbli għall-informazzjoni għall-konsumatur fuq it-tikketta u għalhekk jinkoraġġixxi lill-manifatturi jesploraw il-possibbiltajiet offruti mit-tikkettar diġitali. Barra minn hekk, il-proposta dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ tirrikjedi li n-negozji li jbigħu prodotti ta' rikarika jipprovdu ċerta informazzjoni lill-utenti finali u jiżguraw li l-istazzjonijiet ta' rikarika jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament. Barra minn dan, din il-proposta hija konsistenti wkoll mad-dikjarazzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-prinċipji diġitali għad-deċennju diġitali¹⁶.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta se tipprovdi qafas regolatorju koerenti u stabbli li jappoġġa t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-industrija tal-UE mħabbra kemm fl-istrateġija industrijali aġġornata tal-2021¹⁷ kif ukoll fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era b'Emissjonijiet Żero Netti¹⁸ li ġie adottat dan l-aħħar. Hija konsistenti wkoll mal-iżviluppi ta' politika u regolatorji aktar wiesgħa tal-UE, f'termini tal-ħidma regolatorja futura u li għaddejjja taħt l-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà¹⁹. Ir-regoli l-ġodda proposti dwar il-prodotti tat-tindif mikrobiċi se jkunu konsistenti mal-iskema volontarja pprovduta mir-Regolament dwar l-Ekotikketta tal-UE²⁰. Ir-regoli l-ġodda proposti dwar it-tikkettar diġitali se jkunu konsistenti mad-diġitalizzazzjoni tat-tikketti tas-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari fl-ambitu tar-reviżjoni tar-Regolament CLP u dik tar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti²¹. Hija tirrifletti l-

¹³ SWD(2022)364.

¹⁴ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE tat-30 ta' Marzu 2009, COM(2022) 142 final.

¹⁵ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE, COM(2022)677.

¹⁶ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/european-declaration-digital-rights-and-principles>

¹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni, Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa; COM(2021) 350 final

¹⁸ Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era b'Emissjonijiet Żero Netti: https://commission.europa.eu/document/41514677-9598-4d89-a572-abe21cb037f4_mt

¹⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità; COM 667 final

²⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE

²¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003

iżvilupp tar-regoli tal-Unjoni għall-prodotti bijoċidali mill-adozzjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti, u tikkomplementa daww ir-regoli.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

• **Bażi ġuridika**

Il-proposta għandha l-istess bażi ġuridika bħar-Regolament dwar id-Deterġenti eżistenti, jiġifieri l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

• **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

L-evalwazzjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti kkonkludiet li l-valur miżjud li jkun hemm regoli ta' armonizzazzjoni għat-tqegħid u għall-introduzzjoni fis-suq tad-deterġenti ma kienx ikkontestat. Ir-Regolament dwar id-Deterġenti għen biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-manifatturi tad-deterġenti, u b'hekk sar aktar faċli għall-kumpaniji li jagħmlu kummerċ transfruntier u jiksbu riżultati pożittivi għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Barra minn hekk, matul l-attivitajiet ta' konsultazzjoni għall-evalwazzjoni, kien hemm kunsens wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati li l-kwistjonijiet indirizzati mir-Regolament għadhom jeħtieġu azzjoni fil-livell tal-UE. Dan għaliex, l-aspetti trattati mir-Regolament dwar id-Deterġenti, kemm f'termini ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-ambjent, għandhom dimensjoni tal-UE kollha. L-istess japplika għall-problemi identifikati li ma jippreżentaw l-ebda karatteristika nazzjonali jew subnazzjonali speċifika iżda pjuttost għandhom impatt fl-UE kollha (*eż.* il-bejgħ tar-rikariki, il-prodotti tat-tindif mikrobiċi, in-nuqqas ta' fehim u sensibilizzazzjoni dwar it-tikketti tas-sustanzi kimiċi mill-konsumaturi). Għalhekk, dawn il-kwistjonijiet jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat il-funzjonament tajeb tas-suq uniku u livell ugwali ta' saħħa tal-bniedem u protezzjoni ambjentali fl-UE.

Azzjoni regolatorja fil-livell tal-UE tiżgura kuntest regolatorju li jippermetti l-innovazzjoni għal tipi ġodda ta' prodotti, tekniki ġodda ta' kummerċjalizzazzjoni u teknoloġiji ġodda tat-tikkettar fis-suq uniku kollu filwaqt li tipprovdi l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent fl-UE. Hija taġġorna l-leġiżlazzjoni billi tinkludi prodotti innovattivi u Prattiki ġodda sostenibbli fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament; tnaqqas il-piż regolatorju għall-manifatturi tad-deterġenti permezz ta' rekwiżiti (ta' informazzjoni) simplifikati u aktar effiċjenti; u tadatta l-leġiżlazzjoni għall-era diġitali permezz tal-introduzzjoni ta' tikkettar diġitali. Azzjoni regolatorja ta' dan it-tip: (i) tgħin biex is-suq uniku jiġi żviluppat aktar; (ii) tipprovdi ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi għall-industrija; u (iii) tiżgura protezzjoni ottimizata tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

• **Proporzjonalità**

Din il-proposta tissostitwixxi Regolament eżistenti tal-UE. Hija għandha l-għan li telimina kemm jista' jkun it-trikkib regolatorju żejjed, li se jħaffef il-piż regolatorju mingħajr ma jipperikola l-livell attwali ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent. L-iffaċilitar tal-bejgħ tar-rikariki u l-aċċettazzjoni regolatorja tat-tikkettar diġitali se jkollhom ukoll dak l-effett. Il-miżuri l-ġodda għall-prodotti tat-tindif mikrobiċi huma bbażati fuq l-aħħar għarfien xjentifiku dwar l-effetti tal-prodotti f'dan is-suq emerġenti.

L-introduzzjoni ta' passaport tal-prodotti li jkun fih informazzjoni dwar il-konformità se tkun effettiva fit-tnaqqis tal-ammont ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi mhux konformi fis-suq tal-Unjoni, inkluż permezz tal-bejgħ online. Ir-Regolament se jiżgura li deterġent jew aġent tensjoattiv li jiġi ppreżentat fid-dwana jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera u jiġi introdott

fis-suq tal-Unjoni biss jekk ikollu passaport tal-prodott korrispondenti. Dan se jwassal għal tiġib sinifikanti fl-effiċjenza kemm għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq kif ukoll għall-awtoritajiet doganali mingħajr ma jiġu imposti kostijiet sproporzjonati fuq l-industrija. Huwa se jkun soġġett għall-istess rekwiżiti tekniċi bħall-passaport tal-prodotti propost fil-proposta dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi ta' diġitalizzazzjoni tal-industrija u tiġi żgurata l-interoperabbiltà mal-passaporti tal-prodotti maħluqa skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

L-evalwazzjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti kkonkludiet li r-Regolament ħadem tajjeb u b'mod ġenerali kien effettiv fil-kisba tal-oġġettivi tiegħu, jiġifieri li jiġi żgurat il-moviment liberu tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi fis-suq uniku u li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat ukoll għadd ta' dgħufijiet u oqsma ta' aktar tiġib li tfaċċaw matul l-applikazzjoni prattika tar-Regolament mill-adozzjoni tiegħu fl-2004. B'mod partikolari, ġie identifikat xi trikkib bejn ir-Regolament dwar id-Deterġenti u biċċiet oħra ta' leġislazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi (b'mod partikolari r-Regolament CLP, ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali u r-Regolament REACH). Dan it-trikkib spiss iwassal għal duplikazzjonijiet fir-rekwiżiti tattikettar għad-deterġenti li, minn naħa, jitfa' piż bla bżonn fuq l-industrija tad-deterġenti. It-trikkib jipperikola wkoll il-komunikazzjoni effettiva ta' informazzjoni dwar is-sikurezza u l-użu lill-konsumaturi minħabba li jirriżultaw f'tikketti mgħobbija żżejjed b'test mhux ċar u ripetittiv. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-użu ta' għodod diġitali innovattivi għall-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni bħalissa huwa subottimali.

Il-kontroll tal-idoneità tal-aktar leġislazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (eskluż REACH) issottolinja l-kumplessità tal-qafas regolatorju tal-UE għas-sustanzi kimiċi. Huwa attribwixxa din il-kumplessità għar-rabtiet inkorporati bejn il-biċċiet differenti ta' leġislazzjoni applikabbli għall-istess prodotti. F'konformità mas-sejbiet tal-evalwazzjoni tad-deterġenti, il-kontroll tal-idoneità tas-sustanzi kimiċi kkonkluda wkoll li l-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-periklu u s-sikurezza lill-konsumaturi tista' tiġi ssimplifikata u li l-użu ta' għodod diġitali innovattivi għall-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni bħalissa ma huwiex tajjeb daqskemm jista' jkun.

Din il-proposta tfittex li tindirizza s-sejbiet tal-evalwazzjoni tad-deterġenti u l-kontroll tal-idoneità tas-sustanzi kimiċi.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Biex tfejji din il-proposta, il-Kummissjoni wettqet għadd ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni biex tiġbor evidenza u fehmiet minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati dwar il-problemi identifikati bil-leġislazzjoni attwali u s-soluzzjonijiet potenzjali. L-attivitajiet kienu jinkludu konsultazzjoni pubblika ddedikata ta' 12-il ġimgħa li għalqet fil-25 ta' Mejju 2022, workshop għall-partijiet ikkonċernati li sar fit-12 ta' Mejju 2022, diskussjonijiet mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Deterġenti, intervisti mal-partijiet ikkonċernati (ta' ambitu u mmirati) u feedback miġbur b'reazzjoni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu tal-Kummissjoni. Il-partijiet ikkonċernati kkonkultati kienu jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali, l-

assoċjazzjonijiet tal-industrija, il-kumpaniji, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, is-soċjetà ċivili u l-akkademja.

L-attivitajiet ta' konsultazzjoni kkonfermaw appoġġ wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati (inklużi l-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili) biex tiġi diġitalizzata xi informazzjoni tat-tikkettar u tinżamm l-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti għad-deterġenti mhux perikolużi. Bejn is-subgħażliet biex jiġu simplifikati r-rekwiżiti ta' tikkettar, l-industrija ppreferiet kemxejn li jiġu eliminati r-rekwiżiti duplikati skont ir-Regolament dwar id-Deterġenti (is-subgħażla 2). Madankollu, dan il-grupp wera wkoll appoġġ wiesa' għall-ewwel subgħażla, li kienet ippreferuta wkoll minn tipi oħra ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Il-partijiet ikkonċernati appoġġaw ukoll b'mod wiesa' l-iffaċilitar u d-diġitalizzazzjoni tal-bejgħ tar-rikariki tad-deterġenti. Ta' min jinnota, madankollu, li l-organizzazzjonijiet tan-negozju u l-kumpaniji akbar urew anqas appoġġ għaż-żieda ta' rekwiżiti għall-bejgħ tar-rikariki fir-Regolament dwar id-Deterġenti meta mqabbla ma' partijiet ikkonċernati oħra bħall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u l-organizzazzjonijiet ambjentali u tal-konsumatur. L-introduzzjoni ta' kriterji ġeneriċi għall-ġestjoni tar-riskju tal-prodotti tat-tindif mikrobiċi ma kinitx appoġġata b'mod wiesa' fost il-miżuri proposti għall-ġestjoni tar-riskju²². Madankollu, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija sostnew li l-introduzzjoni ta' regoli għall-prodotti tat-tindif mikrobiċi b'mod ġenerali skont ir-Regolament dwar id-Deterġenti toħloq piż regulatorju mhux meħtieġ²³.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti. Il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ta opinjoni pożittiva dwar l-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt fis-16 ta' Settembru 2022. L-opinjoni tal-Bord kif ukoll il-valutazzjoni finali tal-impatt u s-sommarju eżekuttiv tagħha jiġu ppubblikati flimkien ma' din il-proposta.

Minbarra x-xenarju bażi ta' ebda azzjoni, din il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika żewġ għażliet (1a u 1b) biex tiġi indirizzata l-problema 1 (dwar żviluppi ġodda fis-suq li ma jiġux ikkunsidrati), u żewġ għażliet (2a u 2b) biex tiġi indirizzata l-problema 2 (nuqqas ta' rekwiżiti effiċjenti ta' informazzjoni).

L-għażla ta' politika 1a tiżgura li l-konsumaturi jirċievu l-informazzjoni meħtieġa meta jixtru deterġenti rikarikati u li r-regoli jiġu livellati għall-manifatturi tad-deterġenti. Il-prodotti tat-tindif mikrobiċi jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti u jiġu imposti rekwiżiti minimi ta' informazzjoni (tikkettar) sabiex l-utenti finali jkunu jistgħu jiġu infurmati dwar il-preżenza ta' mikrobi fil-prodott li permezz tagħhom tinkiseb il-funzjoni tat-tindif.

L-għażla ta' politika 1b tibni fuq l-għażla 1a fir-rigward tal-bejgħ tar-rikariki billi tipproponi, barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' tikkettar diġitali għad-deterġenti rikarikati. Biex tiġi ffaċilitata aktar din il-prattika sostenibbli u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha, l-informazzjoni kollha tat-tikkettar meħtieġa skont ir-Regolament dwar id-Deterġenti minbarra l-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ tista' tiġi pprovvduta permezz ta' tikketta diġitali. Fir-rigward tal-prodotti tat-tindif mikrobiċi, l-għażla 1b tipproponi l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' ġestjoni tar-riskju għal dawn il-prodotti. Dawn jinkludu kriterji ġeneriċi għall-użu ta' mikrobi fid-

²² L-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' tikkettar taħt l-għażla 1a kienet l-aktar għażla ppreferuta

²³ Dan jikkonċerna l-introduzzjoni ta' rekwiżiti b'mod ġenerali, jiġifieri kemm taħt l-għażla 1a kif ukoll taħt l-għażla 1b.

deterġenti, rekwiżiti ta' tikkettar, ċerti restrizzjonijiet fuq l-użu tal-mikrobi u klawżola ta' rieżami.

Bl-għażla ta' politika 2a, l-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti tiġi abolita kemm għad-deterġenti perikolużi kif ukoll għal dawk mhux perikolużi. L-għażla tissuġġerixxi wkoll li jiġu simplifikati r-rekwiżiti tat-tikkettar u li tiġi introdotta l-possibbiltà ta' tikkettar diġitali. Is-simplifikazzjoni tista' tinkiseb jew permezz ta' tikkettar darba biss f'konformità mar-regoli aktar stretti (is-subgħażla 1); jew billi jitneħħew id-dispożizzjonijiet duplikati mir-Regolament dwar id-Deterġenti (is-subgħażla 2). Billi jagħżlu t-tikkettar diġitali, il-manifatturi jibbenefikaw ukoll mill-possibbiltà li jipprovdu ċerta informazzjoni permezz tat-tikketta diġitali biss. Il-manifatturi jistgħu jqiegħdu biss tikketti diġitali fuq il-prodotti tagħhom meta jiġu applikati prinċipji obbligatorji għat-tikkettar diġitali.

L-għażla ta' politika 2b tipproponi li jitneħħa biss ir-rekwiżit duplikat, li tiġi pprovduta skeda tad-*data* dwar l-ingredjenti għad-deterġenti perikolużi u li tinżamm għad-deterġenti mhux perikolużi skont ir-Regolament dwar id-Deterġenti. F'termini ta' tikkettar, l-għażla 2b hija l-istess bħall-għażla 2a hawn fuq.

Il-kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet ta' politika tikkonsisti fl-Għażla ta' Politika 1b (PO1b) u l-Għażla ta' Politika 2b (PO2b). Dawn l-għażliet għabu punteġġ kompressiv aħjar meta mqabbla mal-alternattivi tagħhom f'firxa ta' kriterji (impatti ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tas-saħħa pożittivi, effettività, effiċjenza u koerenza). B'mod partikolari, l-għażliet 1b u 2b huma mistennija li jgħibu benefiċċji f'termini ta' tnaqqis tal-piżijiet u ffrankar fil-kostijiet għall-industrija, kif ukoll leġġibbiltà mtejba tat-tikketti tad-deterġenti. Huma mistennija wkoll li jnaqqsu l-piżijiet għan-negozji billi jindirizzaw ir-rekwiżiti estensivi u duplikati tat-tikkettar skont il-qafas regolatorju aktar wiesa' tal-UE applikabbli għad-deterġenti. Dan se jinkiseb b'mod partikolari billi jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet kollha fir-rekwiżiti ta' informazzjoni u billi tiġi offruta l-flessibbiltà li tiġi pprovduta xi informazzjoni permezz ta' tikketta diġitali. Ikun hemm ukoll ekonomiji ta' skala minħabba li l-isparju fiżiku tat-tikketta jista' jippermetti aktar lingwi, jiġifieri ffrankar tal-kostijiet f'termini ta' distribuzzjoni tal-bejgħ, u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku għad-deterġenti.

L-istabbiliment ta' kriterji armonizzati u l-kjarifika tar-rekwiżiti għal prodotti aktar sostenibbli (prodotti tat-tindif mikrobiċi) u prattiki ġodda (bejgħ tar-rikariki), se jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika filwaqt li jiżguraw li l-innovazzjoni ma tiġix imxekkla. Minħabba li dawn is-segmenti tas-suq bħalissa huma ddominati mill-SMEs, dan se jżid l-aċċess u l-integrazzjoni tal-SMEs fil-ktajjen tal-valur u s-suq b'mod ġenerali, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kisba tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli²⁴ (SDG) #9 tan-Nazzjonijiet Uniti "Industrija, innovazzjoni u infrastruttura".

Il-kombinazzjoni tal-għażliet ta' politika 1b u 2b tiżgura livell oġhla ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza, u tal-ambjent u tikkontribwixxi għall-kisba tal-SDG #3 "Saħħa tajba u benesseri" u tal-SDG #12 "Jiġu żgurati xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni". B'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni tar-riskju għall-prodotti tat-tindif mikrobiċi se tiżgura li l-mikrobi użati fid-deterġenti jkunu sikuri kemm minn perspettiva tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll ambjentali u se tippermetti lill-utenti finali jagħmlu għażliet infurmati u jipproteġu lilhom infushom aħjar f'każ ta' sensitizzazzjoni jew vulnerabbiltà minn qabel. Struzzjonijiet dwar l-użu mmirati u simplifikati fuq it-tikketta jgħinu lill-utenti tal-prodotti jużaw dawn il-prodotti b'mod korrett, u b'hekk jipprovdu protezzjoni ambjentali ottimizzata. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-bejgħ tar-rikariki se tiżgura li l-konsumaturi jirċievu l-informazzjoni kollha dwar is-

²⁴ <https://sdgs.un.org/goals>

sikurezza u l-użu meta jixtru deterġenti rikarikati u tippromwovi prattika sostenibbli b'benefiċċji ambjentali sinifikanti f'termini ta' skart mill-imballaġġ. Jekk xi informazzjoni tat-tikkettar tkun tista' tiġi pprovduta biss b'mod diġitali, dan ikompli jnaqqas l-iskart li jirriżulta mir-rimi ta' stokk ta' tikketti mhux użati.

Is-simplifikazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza tar-rekwiżiti tat-tikkettar se tagħmel it-tikketti tad-deterġenti aktar leġġibbli u aktar faċli biex jinftiehm. Dan jgħin lill-utenti finali jsibu l-informazzjoni rilevanti aktar faċilment u malajr, li huwa kruċjali speċjalment f'każ ta' inċident.

Is-subgħażla 1 tal-għażla ta' politika 2a, li skontha l-ingredjenti jiġu ttikkettati darba biss abbażi tar-regoli applikabbli aktar stretti hija ppreferuta peress li se toffri livell ogħla ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' tikkettar diġitali fakultattiv minn naħa se tipprovi faċilità addizzjonali ta' użu u għarfien peress li l-informazzjoni essenzjali li jifdal fuq it-tikketta fiżika ssir aktar ċara u min-naħa l-oħra tagħti benefiċċji addizzjonali għall-utenti vulnerabbli u b'indeboliment tal-vista. Il-prinċipji diġitali, li se japplikaw meta l-operaturi ekonomiċi jiddeċiedu li jittikkettaw b'mod diġitali, se jkomplu jissalvagwardjaw il-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Fl-aħħar nett, iż-żamma tal-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti għad-deterġenti mhux perikolużi skont ir-Regolament se tiżgura li l-livell ta' protezzjoni jibqa' għoli ħafna.

Bl-għażla ppreferuta, il-funzjonament tas-suq uniku jibbenefika mill-introduzzjoni ta' regoli armonizzati għall-prodotti tat-tindif mikrobiċi u għall-bejgħ tar-rikariki, li se jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għalihom. L-għażla ppreferuta mhi se tinvolvi l-ebda kost jew se tinvolvi biss kostijiet negliġibbli għall-kumpaniji u ffrankar kbir fil-kostijiet. L-akbar impatt – fil-forma ta' ffrankar fil-kostijiet – jirriżulta mill-abolizzjoni tal-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti għad-deterġenti perikolużi, b'iffrankar annwali stmat ta' EUR 7 miljun fis-sena. Il-format attwali tal-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti se jinżamm biex jiġu evitati kostijiet u kumplessità addizzjonali mhux meħtieġa għall-industrija, speċjalment għall-SMEs.

Huma mistennija piżijiet żgħar annwali addizzjonali għall-SMEs minħabba r-rekwiżiti ta' ġestjoni tar-riskju għall-prodotti tat-tindif mikrobiċi, li jammontaw għal madwar EUR 200 000 għal kull kumpanija. Ta' min jinnota, madankollu, li din hija stima superjuri, u kkalkolata abbażi tal-kostijiet medji għall-ittestjar u l-ogħla għadd ta' lottijiet irrapportati mill-manifatturi. Dan l-għadd huwa wkoll probabbli ħafna li jvarja skont diversi fatturi (eż. id-daqs tal-kumpanija jew tal-portafoll; il-livell attwali ta' konformità, eċċ.) iżda, fi kwalunkwe każ, mhux se jkollu impatt negattiv fuq il-manifatturi (l-aktar SMEs), li matul l-intervisti rrapportaw li dawn il-kostijiet huma fil-medda aċċettabbli. Għall-kumpaniji li bħalissa qed jaħdmu fuq “mikrobi magħrufa”, il-kostijiet tar-rekwiżiti l-ġodda huma mistennija li jkunu negliġibbli peress li ħafna mir-rekwiżiti proposti diġà huma ssodisfati jew jistgħu jintlaħqu b'kost negliġibbli. Dawn id-ditti, għalhekk, se jkunu jistgħu jaħdmu u jespandu l-produzzjoni tagħhom mingħajr kostijiet żejda.

L-għażla ppreferuta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija ma taqbiżx dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi segwiti. L-eliminazzjoni tat-trikkib regolatorju se tiżgura konsistenza akbar mal-qafas regolatorju aktar wiesa' tal-UE applikabbli għad-deterġenti. L-iffaċilitar tal-bejgħ tar-rikariki huwa konformi mal-inizjattivi ġenerali tal-UE li għandhom l-għan li jnaqqsu l-impatt ambjentali u mal-SDG #12 “Jiġu żgurati xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni”. L-introduzzjoni ta' tikkettar diġitali (fakultattiv) kemm għad-deterġenti ta' rikarika kif ukoll b'mod ġenerali hija konsistenti mat-tranżizzjoni għall-era diġitali kif ukoll ma' inizjattivi paralleli ta' diġitalizzazzjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi bħas-CLP u r-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti. Hekk kif jinkisbu l-esperjenza u l-fiduċja fit-tikkettar diġitali, fil-futur jista' jkun possibbli li jiżdied l-ammont ta'

informazzjoni disponibbli b' mod diġitali, li jista' jkompli jżid il-potenzjal ta' simplifikazzjoni għall-industrija.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Wieħed mill-objettivi ewlenin ta' din l-inizjattiva huwa li jiġu ssimplifikati r-regoli applikabbli għad-deterġenti u jitnaqqas il-piż regolatorju għall-manifatturi tad-deterġenti.

- **Is-simplifikazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza tar-rekwiżiti ta' tikkettar** se jnaqqsu l-piż regolatorju għall-operaturi ekonomiċi peress li se jkun aktar faċli għalihom li jikkonformaw mar-regoli.
- **It-tneħħija tal-iskeda tad-data dwar l-ingredjenti għad-deterġenti perikolużi** se tiġġenera ffrankar fil-kostijiet ta' EUR 7 miljun fis-sena.
- Il-proposta **tabolixxi wkoll l-involviment obbligatorju ta' laboratorji approvati** li kellhom iwettqu testijiet skont ir-Regolament.
- Il-proposta telimina l-obbligu li l-manifatturi tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi jkunu stabbiliti fl-UE. Madankollu, l-introduzzjoni tal-passaport tal-prodotti u dispożizzjonijiet ġodda għas-sorveljanza tas-suq tad-deterġenti se jiżguraw li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi kollha li jiġu introdotti fis-suq tal-UE jikkonformaw mar-rekwiżiti, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tal-manifattur.
- **L-iffaċilitar tal-bejgħ tar-rikariki** huwa stmat li jiġġenera ffrankar annwali fil-kostijiet għall-industrija tad-deterġenti minħabba anqas rimi ta' skart tal-plastik. Filwaqt li ma kienx possibbli li jiġi kkwantifikat dan l-iffrankar, taħt il-linja bażi dan huwa stmat li jammonta għal EUR 3,3 miljun. B' mod komplessiv, l-għażla ppreferuta hija stmata li tiġġenera ffrankar annwali fil-kostijiet ta' aktar minn EUR 10 miljun għall-industrija tad-deterġenti fis-sena.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhi se jkollha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Biex tivvaluta l-effettività tagħhom, il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda u l-konformità magħhom. Ir-Regolament se jipprevedi evalwazzjoni u rieżami regolari mill-Kummissjoni, u r-rapport pubbliku assoċjat se jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kapitolu I – Dispożizzjonijiet ġenerali

Ir-Regolament propost ikopri d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jiġu introdotti fis-suq waħedhom jew li jkunu jinsabu fid-deterġenti. Barra minn hekk, ir-Regolament propost ikompli jstabbilixxi rekwiżiti stretti ta' bijodegradabbiltà għall-aġenti tensjoattivi. Madankollu, meta mqabbel mar-Regolament (KE) Nru 648/2004, ġiet introdotta l-possibbiltà li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż fil-futur biex ikopri l-bijodegradabbiltà tas-sustanzi u t-taħlitiet fid-deterġenti. Il-kamp ta' applikazzjoni estiż ikopri wkoll id-diġitalizzazzjoni tat-tikketti tad-deterġenti u s-sikurezza tal-mikroorganiżmi fid-deterġenti.

Il-proposta żżomm għadd ta' definizzjonijiet eżistenti iżda tintroduċi wkoll definizzjoni għda ta' deterġent. Din id-definizzjoni hija bbażata fil-biċċa l-kbira fuq dik inkluża fir-Regolament (KE) Nru 648/2004 iżda, minn naħa, ġiet iċċarata u, min-naħa l-oħra, ġiet aġġornata biex tkopri wkoll prodotti għda li magħhom jiżdiedu intenzjonalment il-mikroorganizzmi.

Il-proposta tuża wkoll id-definizzjonijiet ġenerali tad-Deċiżjoni 768/2008/KE²⁵ u tinkludi definizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-passaport tal-prodotti, f'konformità mad-definizzjonijiet stabbiliti fil-proposta Ewropea għal prodotti sostenibbli. Definizzjoni ta' rikarika hija allinjata mad-definizzjoni użata fil-proposta dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ.

Kapitolu II – Rekwiżiti tal-Prodotti

Bħal fir-Regolament (KE) Nru 648/2004, l-aġenti tensjoattivi jeħtieġ li jissodisfaw il-kriterji ta' bijodegradabbiltà finali sabiex jiġu introdotti fis-suq kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk ikunu jinsabu fid-deterġenti. Din il-proposta tintroduċi għall-ewwel darba rekwiżiti ta' sikurezza li l-mikroorganizzmi fid-deterġenti jeħtieġ li jikkonformaw magħhom.

Inżammu l-limitazzjonijiet fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosforu fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u fid-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur.

Kapitolu III - Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

Il-proposta tissimplifika l-obbligi għall-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri ma' dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni 768/2008/KE. Dan jiċċara l-obbligi rispettivi li huma proporzjonati mar-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi. Minflok ma jorog dikjarazzjoni ta' konformità kif stabbilit fid-Deċiżjoni 768/2008/KE, il-manifattur jorog passaport tal-prodott għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv li jinkludi l-informazzjoni rilevanti dwar il-konformità. Il-manifatturi tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi ma għadhomx obbligati li jkun stabbiliti fl-UE. Madankollu, meta l-manifatturi ma jkunux stabbiliti fl-UE, huma għandhom jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq kompiti speċifiċi f'isimhom.

Il-manifatturi se jkollhom jivvalutaw il-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi biex jiżguraw li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament. Il-proposta tipprevedi biss valutazzjoni tal-konformità tal-ewwel parti (awtodikjarazzjoni) u tibbaża fuq il-Modulu A korrispondenti tad-Deċiżjoni 768/2008/KE.

Skeda tad-*data* dwar l-ingredjenti issa hija meħtieġa għad-deterġenti mhux perikolużi biss. Din l-iskeda tad-*data* se jkun meħtieġ li tiġi pprovduta wkoll direttament lill-korpi maħtura tal-Istati Membri responsabbli biex jirċievu informazzjoni relatata mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa (ċentri tal-avvelenament), fuq talba. Minn issa 'l quddiem, l-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti se tkun parti mid-dokumentazzjoni teknika li l-manifatturi se jkollhom iħejju.

Kapitolu IV – Markatura u tikkettar CE

Mat-tlestija tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifatturi jridu jwajhllu l-markatura CE fuq id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi skont il-prinċipji ġenerali u r-regoli applikabbli għall-markatura CE.

²⁵ Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE; ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2008/768\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2008/768(1)/oj).

Il-proposta żżomm il-biċċa l-kbira tar-regoli eżistenti dwar it-tikkettar stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 648/2004, filwaqt li tintroduċi l-possibbiltà ta' tikketta diġitali, kif deskritt hawn fuq.

Kapitolu V – Passaport tal-prodotti

Huwa importanti għal kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku li tiġi żgurata, minn naħa, aktar trasparenza fil-katina tal-valur dwar il-karatteristiċi ewlenin tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi u, min-naħa l-oħra, li jissaħħaħ l-infurzar tar-regoli biex jitnaqqas in-nuqqas ta' konformità. Minflok ma tibbaża fuq id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE prevista fid-Deċiżjoni 768/2008/KE, din il-proposta tmur għal mod innovattiv biex jinkiseb dan l-objettiv doppju. L-evalwazzjoni tal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid²⁶ indikat li revizzjoni futura possibbli tal-Qafas tista' tkun trid tikkunsidra l-introduzzjoni tal-possibbiltà tal-passaport tal-prodotti. Skont l-evalwazzjoni, il-passaport tal-prodotti jista' jinkludi dikjarazzjoni elettronika tal-konformità u deskrizzjoni tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. L-evalwazzjoni tissottolinja li d-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodott tista' tagħmel il-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tad-dwana aktar effettiva.

Biex dan ir-Regolament jibqa' validu fil-futur, din il-proposta tissostitwixxi d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE stabbilita fid-Deċiżjoni 768/2008/KE bl-obbligu li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jkollhom passaport tal-prodott li juri l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-passaport tal-prodott se jkun konness permezz ta' mezz ta' *data* ma' identifikatur uniku tal-prodott, u jissodisfa l-istess rekwiżiti tekniċi għal passaport tal-prodott skont ir-Regolament dwar l-ekodisinn għall-prodotti sostenibbli²⁷. Ir-referenza tal-passaport tal-prodott trid tiġi inkluża f'reġistru ċentrali tal-Kummissjoni li se jiġi stabbilit skont ir-Regolament dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, u din l-informazzjoni trid tiġi ppreżentata fid-dwana.

Kapitolu VI - Sorveljanza tas-suq

Minbarra l-passaport tal-prodotti, din il-proposta toħloq qafas aktar ċar għal infurzar aħjar tar-regoli. Hija tikkonferma li r-Regolament (UE) 2019/1020 se jkompli japplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar is-sorveljanza tas-suq ibbażati fuq id-Deċiżjoni 768/2008/KE. Barra minn hekk, dispożizzjoni speċifika bbażata fuq id-Deċiżjoni 768/2008 tagħti raġunijiet speċifiċi biex tittieħed azzjoni kontra deterġenti jew aġenti tensjoattivi li jikkonformaw mar-rekwiżiti iżda li jkunu ta' riskju għas-saħħa jew għall-ambjent. Id-dispożizzjoni finalment tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta miżuri kontra deterġenti jew aġenti tensjoattivi speċifiċi f'ċerti ċirkostanzi.

Kapitolu VII – Setgħat delegati u Proċedura ta' Kumitat

Il-proposta tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tqis il-progress tekniku u xjentifiku, evidenza xjentifika ġdida, u l-livell ta' prontezza/litteriżmu diġitali. Din is-setgħa għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex (i) tissupplimenta r-rekwiżiti ġenerali dwar it-tikkettar diġitali; (ii) temenda l-lista tal-informazzjoni tat-tikkettar li tista' tiġi pprovduta f'format diġitali biss; (iii) tadatta l-limitu tal-fwejjaħ allerġeniċi meta jiġu stabbiliti limiti ta' konċentrazzjoni individwali bbażati fuq ir-riskju għall-allerġeni tal-fwieħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009; (iv) tistabbilixxi rekwiżiti ta'

²⁶ SWD(2022)364.

²⁷ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE tat-30 ta' Marzu 2009, COM(2022) 142 final.

bijodegradabbiltà għas-sustanzi u t-taħlitiet għajr l-aġenti tensjoattivi fid-deterġenti (inklużi kapsuli ta' deterġenti) meta evidenza xjentifika ġdida tkun teħtieġ dan; (v) temenda l-informazzjoni speċifika li għandha tiġi inkluża fil-passaport, kif ukoll l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-reġistru tal-Kummissjoni; (vi) tiddetermina l-informazzjoni addizzjonali maħżuna fir-reġistru li għandha tiġi kkontrollata mill-awtoritajiet doganali; (vii) tipprovdi Anness ta' dan ir-Regolament li jkun fih lista ta' kodiċijiet tan-Nomenklatura Maġħquda, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, u deskrizzjonijiet tal-prodott ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi u taġġorna tali Anness; u (viii) temenda l-Annessi I sa VII.

Il-proposta taġti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, fejn ikun xieraq, atti ta' implimentazzjoni biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi dettaljati għall-passaport tal-prodotti għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tingħata wkoll setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi jekk miżura nazzjonali fir-rigward ta' deterġent jew aġent tensjoattiv li jippreżenta riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni jew tal-ambjent tkunx ġustifikata. Il-Kummissjoni għandha tingħata wkoll setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi jekk miżura nazzjonali fir-rigward ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi konformi li Stat Membru jsib li jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni jew tal-ambjent tkunx ġustifikata. Minħabba n-natura speċjali u teknika taġghom, dawk l-atti ta' implimentazzjoni mhux se jiġu adottati f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu VIII – Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Biex tivvaluta l-effettività taġghom, il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda kif ukoll il-konformità taġghom. Il-Kummissjoni se tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-effettività tar-Regolament wara 5 snin ta' applikazzjoni. Il-proposta tipprevedi wkoll ir-rieżami tar-rekwiżiti tas-sikurezza għall-mikroorganiżmi fid-deterġenti u l-possibbiltà li jkunu jistgħu jintużaw aktar razez ta' mikroorganiżmi fid-deterġenti.

Ir-Regolament propost se jsir applikabbli sentejn u nofs wara d-dħul fis-seħħ tiegħu biex minn naħa jippermetti lill-Kummissjoni ttejjji l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-passaport tal-prodotti u min-naħa l-oħra biex il-manifatturi u l-Istati Membri jingħataw żmien biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament. Huma previsti dispożizzjonijiet tranżitorji għal deterġenti u aġenti tensjoattivi li ġew mmanifatturati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 sabiex l-istokk li jkun fil-katina tad-distribuzzjoni jew maħżun fis-sit tal-manifattur jew tal-importatur fil-mument meta jibda japplika dan ir-Regolament ikun jista' jinbiegħ. Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 se jitħassar u jiġi sostitwit bir-Regolament propost.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fis-suq u għat-tqegħid fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi għad-deterġenti ġew armonizzati permezz tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹.
- (2) L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004³⁰ ikkonkludiet li b'mod ġenerali dak ir-Regolament laħaq fil-biċċa l-kbira l-oġettivi tiegħu. Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat ukoll għadd ta' dgħufijiet u oqsma għal aktar titjib. F'dawn l-aħħar snin, il-qafas regolatorju għas-sustanzi kimiċi nbidel radikalment u ħoloq nuqqas ta' koerenza u duplikazzjonijiet fir-regoli applikabbli għad-deterġenti u b'mod partikolari r-reqwiżiti ta' informazzjoni tagħhom. Għalhekk hemm bżonn li tiġi żgurata l-konsistenza u li jiġu eliminati r-reqwiżiti ta' informazzjoni duplikati.
- (3) Tfaċċaw żviluppi ġodda fis-suq, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi u l-bejgħ tar-rikariki ta' deterġenti li jew huma kompletament jew parzjalment mhux koperti mir-Regolament (KE) Nru 648/2004. Min-naħa l-oħra, id-diġitalizzazzjoni toffri opportunitajiet għas-simplifikazzjoni, għat-tnaqqis tal-piżijiet u għaż-żieda fil-faċilità tal-użu u l-fehim tal-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-użu li bħalissa qed jintilfu. Għalhekk huwa meħtieġ li jitqiesu l-prodotti u l-prattiki ġodda li tfaċċaw u jiżiedu l-isforzi ta' diġitalizzazzjoni f'konformità mal-oġettivi ġenerali tal-Unjoni speċjalment f'termini ta' sostenibbiltà u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

²⁸ ĠU C , , p. .

²⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti (ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1).

³⁰ L-Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar deterġenti (SWD(2019)298).

- (4) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi³¹ (minbarra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²) issottolinja l-kumplessità tal-qafas regolatorju tal-Unjoni għas-sustanzi kimiċi u attribwieha għall-għadd kbir ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni speċifiċi għall-prodott u għas-settur b'rabtiet inkorporati ma' xulxin. Huwa ssottolinja wkoll li hemm lok għal simplifikazzjoni fil-komunikazzjoni tal-informazzjoni ta' tikketti ffullati żżejjed lill-utenti tal-prodotti, u sab li l-użu ta' għodod innovattivi għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prodott bħalissa mhux qed jiġi sfruttat. Għalhekk, hemm bżonn li r-regoli attwali jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas il-piż għall-operaturi ekonomiċi, jitjieb il-fehim tal-konsumatur u tiġi ffaċilitata s-sorveljanza tas-suq. Għalhekk, jenħtieġ li ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 jiġi sostitwit.
- (5) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³ tistabbilixxi prinċipji komuni u dispożizzjonijiet ta' referenza maħsuba biex japplikaw fil-leġiżlazzjoni settorjali kollha sabiex jipprovdu bażi koerenti għal reviżjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni. Il-qafas legali l-ġdid għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi jenħtieġ li jiġi allinjat sa fejn ikun possibbli ma' dawk il-prinċipji komuni u d-dispożizzjonijiet ta' referenza.
- (6) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' deterġent tkopri l-prodotti kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-armonizzazzjoni, inklużi d-deterġenti żviluppati ġodda li fihom mikroorganiżmi miżjuda intenzjonalment. Id-definizzjoni jenħtieġ li tkopri wkoll il-prodotti għat-tindif tas-superfiċe tal-frott u tal-ħxejjex.
- (7) Peress li l-aġenti tensjoattivi jinbiegħu primarjament fi tranżazzjonijiet minn negozju għal negozju sabiex jintużaw fil-manifattura tad-deterġenti, dawn ma hemmx bżonn li jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti bħad-deterġenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli minimi għall-aġenti tensjoattivi, jiġifieri regoli dwar il-bijodegradabbiltà finali, sett minimu ta' informazzjoni tat-tikkettar u l-obbligu tal-operaturi ekonomiċi li jfasslu dokumentazzjoni teknika u li joħolqu passaport tal-prodotti.
- (8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkomplementa r-regoli eżistenti stabbiliti fi strumenti leġiżlattivi oħra u jenħtieġ li ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni relatata mal-aspetti tal-protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent mhux koperti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ir-

³¹ Il-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi (eskluż REACH), SWD(2019)199

³² Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

³³ Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴ u għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵.

- (9) L-aġenti tensjoattivi huma aġenti li jaħdmu fuq is-superfiċe li jgħinu biex ikissru l-interfaċċja bejn l-ilma u ż-żjut jew il-ħmieġ. Huma wieħed mill-ingredjenti ewlenin użati fid-deterġenti. L-aġenti tensjoattivi jistgħu, madankollu, joħolqu riskju għall-ambjent peress li jiġu skarikati f'sistemi tad-drenaġġ jew direttament fl-ilmijiet tas-superfiċe. Biex jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv li l-aġenti tensjoattivi jista' jkollhom fuq l-ambjent, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti li jiżguraw li l-aġenti tensjoattivi jkunu kompletament bijodegradabbli jew meta jiġu introdotti fis-suq waħedhom u jkunu maħsuba għall-użu fid-deterġenti jew meta jkunu jinsabu fid-deterġenti.
- (10) Il-fosforu huwa ingredjent ewlieni użat fid-deterġenti. Madankollu, il-fosforu u l-komposti tiegħu jistgħu jikkawżaw ħsara lill-ekosistemi u lill-ambjenti akkwatiċi peress li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni. Biex jiġi żgurat aktar livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, u jitnaqqas il-kontribut tad-deterġenti għal dak il-fenomenu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti limiti armonizzati fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti tal-fosforu fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u fid-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur. Limitazzjonijiet simili ma humiex meħtieġa għal tipi oħra ta' deterġenti jew minħabba li l-kontribut tagħhom ma huwiex sinifikanti jew minħabba li bħalissa ma humiex disponibbli alternattivi xierqa.
- (11) F'dawn l-aħħar snin, ġew żviluppanti prodotti ġodda tat-tindif li fihom mikroorganiżmi ħajjin bħala ingredjenti attivi. Il-mikroorganiżmi għandhom il-bijoloġija u r-rispons proprji tagħhom għall-ambjent. Minħabba l-kapaċità tagħhom li jipprolifera, hemm differenza ċara bejn id-deterġenti konvenzjonali u dawk mikrobiċi. Għalhekk, il-perikli inerenti u r-riskji li jinħolqu ma humiex neċessarjament tal-istess natura bħal dawk ippreżentati mis-sustanzi kimiċi, speċjalment fir-rigward tal-kapaċità tal-mikroorganiżmi li jippersistu u jimmultiplikaw f'ambjenti differenti u li jipproduċu firxa ta' metaboliti u tossini differenti ta' sinifikat tossikoloġiku potenzjali.
- (12) Peress li l-mikroorganiżmi ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew kwalunkwe leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tirrikjedi li l-manifatturi juru li l-użu maħsub huwa sikur, jenħtieġ li dawn ikunu eliġibbli għall-użu fid-deterġenti biss sal-punt li jkunu ġew identifikati b'mod ċar u appoġġati minn *data* li turi li l-użu tagħhom huwa sikur, u soġġett għal rekwiżiti speċifiċi li jirregolaw is-sikurezza tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati li jirregolaw is-sikurezza tal-mikroorganiżmi fid-deterġenti kif ukoll metodi ta' ttestjar rilevanti għall-operaturi ekonomiċi biex juru l-konformità ma' dawk ir-regoli. Huma meħtieġa restrizzjonijiet fuq il-format li fih jiġu introdotti fis-suq id-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi meta l-ingredjenti sensitizzanti jkunu inklużi fil-kompożizzjoni tagħhom. Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem anke għall-persuni sensitizzati, id-deterġenti li jkun fihom il-mikroorganiżmi u li jiġu introdotti fis-suq f'format ta' sprej jenħtieġ, għalhekk, li jinstabu sikuri għall-użu f'dan il-format.

³⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bjoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

³⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

- (13) Biex jiġi żgurati livell għoli ta' protezzjoni tal-aspetti ta' interess pubbliku, u biex tiġi ggarantita kompetizzjoni ġusta fis-suq intern, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli għall-konformità tad-deterġenti jew tal-aġenti tensjoattivi ma' dan ir-Regolament, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista. Kull meta jkun xieraq, jenħtieġ li l-manifatturi u l-importaturi jwettqu testijiet ta' kampjun tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi li jkunu qiegħdu fis-suq, sabiex jiproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-ambjent.
- (14) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni biss deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tiġi prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni.
- (15) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu juru u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi mqiegħda fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li tiġi prevista proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tistabbilixxi moduli għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, mill-anqas stretti sal-aktar stretti, fi proporzjon mal-livell ta' riskju involut u l-livell ta' sikurezza meħtieġ. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza intersettorjali u biex jiġu evitati varjanti *ad hoc*, id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tispeċifika li l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jintgħażlu minn fost daww il-moduli.
- (16) Il-manifattur, li għandu għarfien dettaljat tad-disinn u tal-proċess tal-produzzjoni, huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jiżgura l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Għalhekk jenħtieġ li l-manifatturi jkunu l-uniċi responsabbli għat-twettiq tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Il-Modulu A jenħtieġ li jkun applikabbli għall-valutazzjoni tal-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Il-manifatturi jenħtieġ li jiġbru wkoll fajl tekniku li juri l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-regoli u l-metodi ta' ttestjar rilevanti.
- (17) Biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-manifatturi mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-manifatturi stabbiliti fl-Unjoni jkunu jistgħu jaħtru rappreżentant awtorizzat biex iwettaq kompiti speċifiċi f'isimhom. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata distribuzzjoni ċara u proporzjonata tar-responsabbiltajiet bejn il-manifattur u r-rappreżentant awtorizzat, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-lista tal-kompiti li l-manifatturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jafdaw lir-rappreżentant awtorizzat. Barra dan, biex jiġu żgurati l-infurzabbiltà u l-effettività tar-rekwiżiti ta' sorveljanza tas-suq u li deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi biss jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat jenħtieġ li tkun obligatorja meta l-manifattur ikun stabbilit barra mill-Unjoni.
- (18) Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi, bħala parti mid-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jindikaw indirizz ta' sit web minbarra l-indirizz postali.
- (19) Sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern u biex jiġi żgurati li jintlaħaq l-oġettiv li jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, jeħtieġ li jiġi stabbilit li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw ukoll ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jeħtieġ li jkun żgurati li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità

fir-rigward ta' dawk il-prodotti. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli għall-importaturi biex jiġi żgurat li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jintroduċu fis-suq jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti u li d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi u, fejn ikun rilevanti, il-markatura CE jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li jsir provvediment ukoll għall-importaturi biex jiżguraw li jkun disponibbli passaport tal-prodotti għal dawk il-prodotti.

- (20) Peress li l-importaturi għandhom rwol ewlieni biex jiggarantixxu l-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi importati fis-suq tal-Unjoni, meta jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-importaturi jenħtieġ li jindikaw fuq il-prodott isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali tagħhom u, jekk ikunu disponibbli, il-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni li permezz tagħhom jistgħu jiġu kkuntattjati.
- (21) Peress li d-distributur iqiegħed deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq wara li dan ikun ġie introdott hemm mill-manifattur jew mill-importatur, jenħtieġ li d-distributur jaġixxi bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli. Jenħtieġ li d-distributur jiżgura wkoll li l-immaniġġar tiegħu tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma jaffettwax b'mod negattiv il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (22) Peress li d-distributori u l-importaturi huma qrib is-suq u għandhom rwol importanti biex jiżguraw il-konformità tal-prodott, jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jenħtieġ li jkunu lesti li jipparteċipaw b'mod attiv, billi jagħtu l-informazzjoni kollha meħtieġa lil dawk l-awtoritajiet fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat.
- (23) L-operaturi ekonomiċi li jew jintroduċu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq taħt isimhom jew bit-trademark tagħhom jew jimmodifikaw deterġent jew aġent tensjoattiv b'tali mod li l-konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata, jenħtieġ li jitqiesu bħala manifatturi u jenħtieġ li jassumu l-obbligi tal-manifatturi. F'każijiet oħra, operaturi ekonomiċi li jimballaw jew jimballaw mill-ġdid biss deterġent jew aġent tensjoattiv li diġà jkun ġie introdott fis-suq minn operaturi ekonomiċi oħra jenħtieġ li jkunu kapaċi jagħtu prova li l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ma ġiet affettwata, billi jindikaw l-identità tagħhom fuq il-pakkett u billi jżommu kopja tal-informazzjoni tat-tikkettar oriġinali.
- (24) Il-markatura CE, li tindika l-konformità ta' deterġent ma' dan ir-Regolament, hija l-konsegwenza viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi valutazzjoni tal-konformità f'sens wiesa'. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶ jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-markatura CE. Jenħtieġ li dak ir-Regolament ikun applikabbli għad-deterġenti koperti minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdur livell għoli ta' protezzjoni ta' interessi pubbliċi bħalma huma s-saħħa u l-ambjent. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008, il-markatura CE jenħtieġ li tkun l-unika markatura ta' konformità li tindika li d-deterġent huwa konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (25) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu meħtieġa jipprovdu skeda tad-*data* dwar l-ingredjenti għal deterġenti mhux perikolużi. Sabiex tiġi ottimizzata l-effiċjenza tar-rekwiżiti rilevanti u fid-dawl tas-sistema relatata mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa diġà stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-manifatturi jżommu din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni taċ-ċentri tal-avvelenament, fuq talba.
- (26) It-tikketti jikkomunikaw informazzjoni importanti dwar l-użu u s-sikurezza lill-utenti, bħall-preżenza ta' sensitizzaturi tal-ġilda jew respiratorji (eż. fwejjaħ allerġeniċi, preservattivi jew enzimi) fid-deterġenti u fl-aġenti tensjoattivi. Billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawk is-sustanzi fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, huwa possibbli għall-utenti b'allerġiji jew bi predispożizzjonijiet allerġiċi li jagħmlu għażliet infurmati, u b'hekk jitnaqqsu r-reazzjonijiet potenzjali relatati mal-użu tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' tikkettar għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi.
- (27) Peress li t-tikkettar tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi jista' jaqa' taħt diversi biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-informazzjoni dwar it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi jeħtieġ li tiġi simplifikata sabiex meta tkun meħtieġa informazzjoni simili li tirriżulta minn biċċiet differenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fuq it-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi, din l-informazzjoni tingħata darba biss f'konformità mar-regoli aktar stretti. Dan, minn naħa, se jtejjeb il-leġġibbiltà u l-fehim tat-tikketti tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi mill-utenti finali u, min-naħa l-oħra, inaqqas il-piż regolatorju għall-manifatturi tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi.
- (28) Is-sustanzi tal-fwieħa huma komposti organiċi bi rwejjaħ karatteristiċi, ġeneralment pjaċevoli, li jintużaw ħafna fid-deterġenti iżda wkoll f'ħafna prodotti oħra bħall-fwejjaħ u kożmetiċi oħra bil-fwieħa. Dawk is-sustanzi jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika mal-kuntatt, speċjalment għal persuni sensitizzati, anki meta jkunu f'konċentrazzjonijiet baxxi. Għalhekk, huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-preżenza ta' fwejjaħ allerġeniċi individwali fid-deterġenti sabiex il-persuni sensitizzati jkunu jistgħu jevitaw il-kuntatt mas-sustanza li għaliha jkunu allerġiċi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti stretti għat-tikkettar tal-fwejjaħ allerġeniċi. Madankollu, dawk is-sustanzi jistgħu jiskattaw ukoll rekwiżit ta' tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' tikkettar li japplikaw biss meta ma jintlaħqux il-limiti tat-tikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan mhux biss jipprevjeni l-piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi iżda jiżgura wkoll li l-utenti finali jirċievu din l-informazzjoni ppreżentata b'mod ċar u b'hekk jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem anke għall-persuni sensitizzati.
- (29) Huma meħtieġa rekwiżiti addizzjonali ta' tikkettar għal ċerti sustanzi bħall-preservattivi sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa. Għalhekk, jenħtieġ li r-rekwiżiti tat-tikkettar għall-preservattivi jkopru mhux biss dawk il-preservattivi miżjuda intenzjonalment mill-manifattur fid-deterġent iżda wkoll dawk li jirriżultaw mit-taħlitiet kostitwenti tiegħu u li spiss jissejġu "preservattivi ta' trasferiment".
- (30) L-informazzjoni dwar l-ammont korrett ta' deterġent li l-konsumaturi jeħtieġ jużaw meta jwettqu attivitajiet ta' tindif, *jiġifieri*, l-informazzjoni dwar id-dożaġġ, jenħtieġ li tiġi inkluża fuq it-tikketta tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur sabiex jiġi evitat

l-użu żejjed potenzjali tad-deterġenti u b'hekk jitnaqqas l-ammont totali ta' deterġent u ta' aġent tensoattiv li jidħol fl-ambjent.

- (31) It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar kemm billi jevita tikketti fiżiċi ffullati żżejjed kif ukoll billi jippermetti lill-utenti jibbażaw fuq diversi għażliet ta' qari disponibbli biss għal formati diġitali, bħal tipa akbar, tiftix awtomatiku, loud speakers jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Il-forniment ta' tikketti diġitali jista' jwassal ukoll għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-obbligi ta' tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar, inaqqas il-kostijiet tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata lill-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovdu ċerta informazzjoni tat-tikkettar biss permezz tat-tikketta diġitali soġġett għal ċerti kundizzjonijiet biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-utenti tad-deterġenti.
- (32) Biex jiġi evitat li jiġi impost piż amministrattiv bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi u peress li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, it-tikketta diġitali hija biss komplementari għal dik fiżika, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jużawx tikketti diġitali jew jipprovdux l-informazzjoni kollha fuq tikketta fiżika biss. L-għażla li tiġi pprovduta tikketta diġitali jenħtieġ li tkun f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jipprovdu s-sett preċiż ta' informazzjoni tat-tikkettar.
- (33) It-tikkettar diġitali jista' jgħallu ukoll sfidi għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni mingħajr ħiliet diġitali jew b'ħiliet diġitali insuffiċjenti u jwassal għal żieda fid-distakk diġitali. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni speċifika li għandha tiġi pprovduta biss f'tikketta diġitali jenħtieġ li tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tad-deterġenti. Barra minn hekk, l-informazzjoni kollha tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, kif ukoll l-istruzzjonijiet minimi dwar l-użu tad-deterġenti, jenħtieġ li jibqgħu fuq it-tikketta fiżika, biex l-utenti finali kollha jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru d-deterġent u biex jiġi żgurat l-immaniġġar sikur tiegħu.
- (34) Madankollu, jenħtieġ li ssir eċċezzjoni għad-deterġenti mibjugħa lill-utenti finali f'format ta' rikarika. Sabiex jiġu sfruttati b'mod sħiħ mhux biss il-benefiċċji offruti mid-diġitalizzazzjoni iżda wkoll il-benefiċċji ambjentali kbar f'termini ta' tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart relatat mill-imballaġġ li toffri l-prattika tal-bejgħ tar-rikariki, jenħtieġ li jkun permess li l-informazzjoni kollha tat-tikkettar tiġi pprovduta b'mod diġitali bl-eċċezzjoni tal-istruzzjonijiet dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur.
- (35) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu d-deterġenti fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali għat-tikkettar diġitali. Pereżempju, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw aċċess liberu u faċli għat-tikketti diġitali u li l-informazzjoni obligatorja tat-tikkettar mitluba skont dan ir-Regolament tkun separata minn informazzjoni oħra.
- (36) Minħabba l-iżvilupp attwali tal-ħiliet diġitali, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jipprovdu wkoll l-informazzjoni tat-tikkettar b'mezzi alternattivi lill-utenti finali meta dawn ma jkunux jistgħu jaċċessaw it-tikketta diġitali. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi impost bħala miżura ta' sikurezza biex jitnaqqas kwalunkwe riskju potenzjali minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-informazzjoni tat-tikkettar, b'mod partikolari fir-rigward tad-deterġenti rikarikati, meta l-informazzjoni kollha tista' tiġi pprovduta f'tikketta diġitali.

- (37) Peress li d-deterġenti għandhom l-istess użu u jippreżentaw l-istess riskji irrispettivament mill-format li fih jitqiegħdu fis-suq, l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq id-deterġenti f'format ta' rikarika jenħtieġ li jiżguraw li dawn jikkonformaw mal-istess rekwiżiti bħal daww imballati minn qabel. Barra minn hekk, il-konsumaturi jenħtieġ li jirċievu l-informazzjoni meħtieġa tat-tikkettar ukoll meta jagħżlu deterġenti rikarikati. Għalhekk, il-bejgħ tar-rikariki tad-deterġenti jenħtieġ li jkun kopert b'mod espliċitu minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent u kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi.
- (38) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv tul il-katina kollha tal-provvista jgħin biex is-sorveljanza tas-suq issir aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema effiċjenti ta' traċċabbiltà tiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jittraċċaw operaturi ekonomiċi li jkunu qiegħdu fis-suq deterġenti jew aġenti tensjoattivi mhux konformi.
- (39) Jenħtieġ li l-manifatturi jgħolqu passaport tal-prodotti biex jipprovdu informazzjoni dwar il-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi ma' dan ir-Regolament, kif ukoll ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv irid jikkonforma magħha. Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli fuq id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi u biex l-atturi fil-katina tal-provvista u l-utenti finali jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni meħtieġa bħall-ingredjenti u l-istruzzjonijiet dwar l-użu, l-informazzjoni fuq il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li tiġi pprovduta b'mod diġitali u b'mod direttament aċċessibbli, permezz ta' mezz ta' *data* mwahħhal mat-tikketta tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tiegħu jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjah. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-operaturi ekonomiċi u l-utenti finali jkollhom aċċess immedjat għall-informazzjoni dwar il-konformità jew informazzjoni oħra dwar id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv permezz tal-mezz ta' *data*.
- (40) Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-investment fid-diġitalizzazzjoni mill-atturi kollha involuti, inklużi l-manifatturi, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali, il-passaport tal-prodotti stabbilit skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun kompletament interoperabbli mal-passaport tal-prodotti meħtieġ skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.
- (41) B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) .../... [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jgħassar id-Direttiva 2009/125/KE] jistabbilixxi wkoll rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi għal passaport diġitali tal-prodotti, l-istabbiliment ta' regjistru ċentrali tal-Kummissjoni fejn tinħażen l-informazzjoni dwar il-passaporti u l-interkonnnessjoni ta' dak ir-regjistru mas-sistemi tal-IT doganali. Dak ir-Regolament jista' jinkludi d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fuq terminu medju, u b'hekk jirrikjedi li jkun hemm disponibbli għalihom passaport diġitali tal-prodotti.
- (42) Il-passaport tal-prodotti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi maħluq skont dan ir-Regolament jenħtieġ għalhekk li jikkonforma mal-istess rekwiżiti u elementi tekniċi bħal daww stabbiliti fir-Regolament (UE) .../... dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, inklużi l-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tiegħu tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tat-trasferiment tad-*data*.
- (43) Meta leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għad-deterġenti jew għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, jenħtieġ li jkun disponibbli passaport tal-

prodotti wieħed għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni l-oħra tal-Unjoni.

- (44) Huwa kruċjali li jiġi ċċarat kemm lill-manifatturi kif ukoll lill-utenti li billi joħloq il-passaport tal-prodotti għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv u, fejn ikun rilevanti, billi jwajhhal il-markatura CE, il-manifattur jiddikjara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun konformi mar-rekwiżiti applikabbli kollha u li l-manifattur jieħu r-responsabbiltà sħiħa tiegħu.
- (45) Meta ċerta informazzjoni tiġi pprovduta biss b'mod diġitali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li din l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi pprovduta separatament u distinta b'mod ċar minn xulxin iżda permezz ta' mezz ta' *data* wieħed. Dan se jiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda jipprovdi wkoll ċarezza lill-utenti finali fir-rigward tal-biċċiet differenti ta' informazzjoni li huma disponibbli għalihom f'format diġitali.
- (46) Il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷, li jistabbilixxi r-regoli tal-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, japplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. L-awtoritajiet responsabbli minn dawk il-kontrolli, li fi kważi l-Istati Membri kollha huma l-awtoritajiet doganali, għandhom iwettquhom abbażi tal-analiżi tar-riskju kif imsemmi fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸, il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tiegħu u l-gwida korrispondenti. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jimmodifika bl-ebda mod il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 u l-mod kif l-awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jorganizzaw lilhom infushom u jwettqu l-attivitajiet tagħhom.
- (47) Minbarra l-qafas ta' kontrolli stabbilit mill-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw awtomatikament li jeżisti passaport tal-prodotti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi importati soġġetti għal dan ir-Regolament sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni u jiġi evitat li deterġenti u aġenti tensjoattivi mhux konformi jidħlu fis-suq tal-Unjoni.
- (48) Meta deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jiġu ppreżentati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, id-dwana jenħtieġ li tiżgura li r-referenza ta' passaport tal-prodotti ssir disponibbli għall-awtoritajiet doganali mill-operatur ekonomiku u li din ir-referenza tikkorrispondi għal identifikatur uniku tal-prodott li jkun maħżun fir-reġistru tal-passaporti tal-prodotti stabbilit mill-Kummissjoni skont [l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli]. L-interkonnessjoni bejn dan ir-reġistru u s-sistema tal-IT doganali kif previst fl-[Artikolu 13 tar-Regolament (UE) .../... dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli] jenħtieġ li tippermetti verifika awtomatika tal-passaport tal-prodotti ppreżentat lid-dwana għal dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv, sabiex jiġi żgurat li deterġenti u aġenti tensjoattivi b'referenza valida għal identifikatur uniku tal-prodott kif inkluż fir-reġistru biss jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera.

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

³⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

- (49) Meta informazzjoni oħra minbarra l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur tiġi maħżuna fir-reġistru tal-passaporti tal-prodott stabbilit skont [l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli], il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tistipula f'att delegat, li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw il-konsistenza bejn din l-informazzjoni addizzjonali u l-informazzjoni magħmula disponibbli mill-operatur ekonomiku lid-dwana, sabiex tittejjeb il-konformità tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi mqiegħda taħt il-proċedura doganali tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ma' dan ir-Regolament.
- (50) L-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti tista' tippermetti lill-awtoritajiet doganali jarrikkixxu u jiffaċilitaw il-ġestjoni tar-riskju u jippermettu l-immirar aħjar tal-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jirkupraw u jużaw l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti u fir-reġistru relatat biex iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni inkluż għall-ġestjoni tar-riskju f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
- (51) Huwa xieraq li tiġi prevista l-pubblikazzjoni ta' avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jindika d-data meta l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru u s-Sistema ta' Tieqa Unika Doganali għall-Iskambju taċ-Ċertifikati tal-UE msemmija fl-[Artikolu 13 tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] issir operattiva sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għal dik l-informazzjoni.
- (52) Jenħtieġ li l-verifika awtomatika mid-dwana tar-referenza tal-passaport tal-prodotti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni ma tissostitwixx jew ma timmodifikax ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iżda tikkomplementa biss il-qafas ġenerali għall-kontrolli fuq il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020, iwettqu kontrolli tal-informazzjoni li tinsab fil-passaporti tal-prodotti, verifiki fuq il-prodotti fis-suq u, f'każ ta' sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-awtoritajiet maħtura għall-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jiddeterminaw il-konformità u r-riskji serji tal-prodotti skont il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020.
- (53) Is-sorveljanza tas-suq hija strument essenzjali minħabba li tiżgura l-applikazzjoni xierqa u uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2019/1020 jistabbilixxi l-qafas għas-sorveljanza tas-suq ta' prodotti soġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi f'konformità ma' dak ir-Regolament.
- (54) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 diġà japplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi, peress li r-Regolament (KE) Nru 648/2004 huwa elenkat fl-Anness I tiegħu. Madankollu, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jeħtieġ li jiġi ċċarat li dawk ir-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq intern u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq intern previsti fir-Regolament (UE) 2019/1020 japplikaw ukoll għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi koperti b'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu dawk il-kompiti. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1020 jiġi emendat biex jinkludi referenza għal dan ir-Regolament.
- (55) Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 kien jipprevedi proċedura ta' salvagwardja li kienet tippermetti lill-Kummissjoni teżamina l-ġustifikazzjoni għal miżura meħuda minn Stat Membru kontra deterġenti u aġenti tensjoattivi meqjusa li jikkostitwixxu riskju. Sabiex

tiżdied it-trasparenza u jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar, jeħtieġ li tittejjeb il-proċedura ta' salvagwardja preċedenti, bil-ħsieb li din issir aktar effiċjenti u tkun ibbażata fuq l-għarfien espert disponibbli fl-Istati Membri. Is-sistema preċedenti jenħtieġ li tiġi ssostitwita bi proċedura li biha l-partijiet interessati jiġu infurmati bil-miżuri li jkunu maħsuba li jittieħdu fir-rigward ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għall-ambjent. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jkunu jistgħu, f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' tali deterġenti u aġenti tensjoattivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u, minħabba n-natura speċjali u teknika tagħhom, filwaqt li taġixxi mingħajr l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, tiddetermina jekk miżura nazzjonali fir-rigward ta' deterġent jew aġent tensjoattiv li jippreżenta riskju, tkunx ġustifikata.

- (56) L-esperjenza bir-Regolament (KE) Nru 648/2004 uriet li deterġenti u aġenti tensjoattivi li kienu konformi mar-rekwiżiti applikabbli, f'każijiet speċifiċi kienu ta' riskju għas-saħħa jew għall-ambjent. Jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jieħdu azzjoni kontra kwalunkwe deterġent jew aġent tensjoattiv li jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, anki meta jkun konformi mar-rekwiżiti legali. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u, minħabba n-natura speċjali u teknika tagħhom, filwaqt li taġixxi mingħajr l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, tiddetermina jekk miżura nazzjonali fir-rigward ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi konformi li Stat Membru jsib li jippreżentaw riskju għas-saħħa u għas-sikurezza tal-persuni jew tal-ambjent tkunx ġustifikata.
- (57) Sabiex jittieħed kont tal-progress tekniku u xjentifiku jew ta' evidenza xjentifika ġdida, u tal-livell ta' prontezza diġitali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-supplimentazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti ġenerali dwar it-tikkettar diġitali; l-emendar tal-informazzjoni tat-tikkettar li tista' tiġi pprovduta f'format diġitali biss; l-emendar tal-limitu tal-fwejjaħ allerġeniċi meta jiġu stabbiliti limiti ta' konċentrazzjoni individwali bbażati fuq ir-riskju għall-allerġeni tal-fwieħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009; l-emendar tar-rekwiżiti eżistenti ta' bijodegradabbiltà biex jiġu introdotti rekwiżiti ta' bijodegradabbiltà għal sustanzi u taħlitiet għajr aġenti tensjoattivi fid-deterġenti (inklużi kapsuli ta' deterġenti) meta evidenza xjentifika ġdida tkun teħtieġ dan; u l-emendar tal-Annessi I sa VII. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa wkoll li temenda l-informazzjoni speċifika li jenħtieġ li tiġi inkluża fil-passaport tal-prodotti, kif ukoll l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-reġistru tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-informazzjoni addizzjonali maħżuna fir-reġistru li għandha tiġi kkontrollata mill-awtoritajiet doganali. Barra minn hekk, sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-awtoritajiet doganali fir-rigward tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi u tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw dan ir-Regolament billi tipprovdi Anness li jkun fih lista ta' kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, u deskrizzjonijiet tal-prodott tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi u billi taġġorna dan l-Anness.
- (58) Meta tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-

prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejjja ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejjja ta' atti delegati.

- (59) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi dettaljati għall-passaport tal-prodotti għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰.
- (60) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u tal-ħtieġa li jittieħed kont ta' żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta *inter alia* jekk dan ir-Regolament ikunx qed jilħaq l-oġettivi tiegħu, b'kont meħud tal-impatti fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.
- (61) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, titrawwem l-innovazzjoni u tingħata spinta lill-kompetittività, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta r-rekwiżiti tas-sikurezza għad-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi u l-possibbiltà li jiġi permess l-użu ta' mikroorganiżmi jew ta' razez ta' mikroorganiżmi ġodda fid-deterġenti.
- (62) Dan ir-Regolament jintroduċi l-possibbiltà li r-rekwiżiti obligatorji kollha tat-tikkettar jew parti minnhom jiġu pprovduti biss f'tikketti diġitali f'ċerti sitwazzjonijiet u jirrikjedi l-ħolqien ta' passaport diġitali tal-prodotti għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi previst żmien suffiċjenti għall-operaturi ekonomiċi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu u għall-Kummissjoni biex tħejji l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-passaport tal-prodotti. Konsegwentement, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għal data meta daww it-tnejjijiet ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati b'mod raġonevoli.
- (63) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex jiġi evitat l-iskart, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jbigħu l-istokk li jkun jew fil-katina tad-distribuzzjoni jew maħżun fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti tranżizzjonali li jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu ġew introdotti fis-suq f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mingħajr ma daww il-prodotti jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-prodott stabbiliti b'dan ir-Regolament. Id-distributori jenħtieġ għalhekk li jkunu jistgħu jfornu deterġenti u aġenti tensjoattivi li jkunu ġew introdotti fis-suq, jiġifieri stokk li diġà jkun jinsab fil-katina tad-distribuzzjoni, qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

³⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

- (64) Jenħtieġ li jsiru wkoll arranġamenti tranżizzjonali li jippermettu l-introduzzjoni fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu għadhom ma humiex fil-katina tad-distribuzzjoni mingħajr ma daww il-prodotti jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, dment li fiż-żmien tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq ikunu għadhom konformi mar-Regolament (KE) Nru 648/2004. Il-manifatturi u l-importaturi għalhekk jenħtieġ li jkunu jistgħu jintroduċu fis-suq deterġenti u aġenti tensjoattivi, jiġifieri stokk li għadu mhux fil-katina tad-distribuzzjoni, wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (65) Peress li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jggarantixxi l-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jiżgura li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi fis-suq jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 **Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-moviment liberu ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi fis-suq intern filwaqt li, fl-istess ħin, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.
2. Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-atti legali li ġejjin:
 - (a) ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹;
 - (b) ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴²;
 - (c) ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³.

⁴¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

⁴² Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

⁴³ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “deterġent” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
 - sustanza, taħlita jew mikroorganiżmu, jew żewġ materjali jew aktar minn dawn flimkien, li huma maħsuba għat-tindif ta' drappijiet, platti jew superfiċi;
 - taħlita maħsuba għat-tgħaddis (qabel il-ħasla), it-tlaħliħ jew l-ibbliċjar ta' drappijiet jew platti;
 - taħlita maħsuba biex timmodifika kif jinħass id-drapp fi proċessi li għandhom jikkomplementaw il-ħasil tad-drapp;
- (2) “deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur” tfisser deterġent għall-ħwejjeġ li jiġi introdott fis-suq għall-użu minn persuni mhux professjonisti, inkluż fil-laundrettes pubbliċi;
- (3) “deterġent tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur” tfisser deterġent introdott fis-suq għall-użu f' magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi minn persuni mhux professjonisti;
- (4) “deterġent li fih il-mikroorganiżmi” tfisser deterġent li fih mikroorganiżmu wieħed jew aktar ikun ġie miżjud intenzjonalment, waħdu jew permezz ta' wieħed mill-komponenti tad-deterġent;
- (5) “deterġent professjonali” tfisser deterġent għat-tindif barra mill-isfera domestika, imwettaq minn persunal speċjalizzat bl-użu ta' prodotti speċifiċi;
- (6) “tindif” tfisser il-proċess li bih depożitu mhux mixtieq jitneħħa minn substrat jew minn ġo substrat u jingiebb fi stat ta' soluzzjoni jew dispersjoni;
- (7) “sustanza” tfisser sustanza kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
- (8) “taħlita” tfisser taħlita kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
- (9) “mikroorganiżmu” tfisser mikroorganiżmu kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012;
- (10) “mikroorganiżmi ġenetikament modifikati” tfisser mikroorganiżmi li fihom il-materjal ġenetiku jkun inbidel bl-użu ta' teknoloġija taċ-ċelloli jew tal-inġinerija ġenetika jew bi kwalunkwe mod ieħor li ma jseħħ b' mod naturali permezz ta' tgħammir jew rikombinazzjoni naturali.
- (11) “aġent tensjoattiv” tfisser kwalunkwe sustanza organika jew taħlita użata fid-deterġenti, li għandha proprjetajiet tensjoattivi u li tikkonsisti minn grupp idrofiliku wieħed jew aktar u minn grupp idrofobiku wieħed jew aktar ta' tali natura u daqs li kapaċi twettaq l-azzjonijiet kollha li ġejjin:
 - tnaqqas it-tensjoni tas-superfiċe tal-ilma taħt 45 mN/m;
 - tiffirma monosaffi ta' tixrid jew ta' adsorbiment fl-interfaċċja ilma-arja;
 - tiffirma emulsjonijiet u/jew mikroemulsjonijiet u/jew miċelli;
 - tadsorbi fl-interfaċċji ilma-solidi;

- (12) “bijodegradazzjoni aerobika finali” tfisser il-livell ta’ bijodegradazzjoni miksub meta s-sustanza jew it-taħlita tintuża totalment minn mikroorganiżmi fil-preżenza ta’ ossiġenu li jirriżulta fid-dekompożizzjoni tagħha f’dioossidu tal-karbonju, ilma u imlieh minerali ta’ kwalunkwe element ieħor preżenti, kif imkejje bil-metodi ta’ ttestjar elenkati fl-Anness I, u kostitwenti ċellulari mikrobiċi ġodda;
- (13) “tqegħid fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas;
- (14) “introduzzjoni fis-suq” tfisser l-ewwel tqegħid fis-suq tal-Unjoni;
- (15) “manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura jew li jkollha deterġent jew aġent tensjoattiv iddisinjat jew immanifatturat, u li tintroduċi dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq taħt isimha jew it-trademark tagħha;
- (16) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur biex taġixxi f’ismu fir-rigward ta’ kompiti speċifikati;
- (17) “importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tintroduċi deterġent jew aġent tensjoattiv minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (18) “distributtur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, għajr il-manifattur jew l-importatur, li tqiegħed deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq;
- (19) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur jew id-distributtur;
- (20) “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitàjiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament;
- (21) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità tas-sorveljanza tas-suq kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020;
- (22) “sejħa lura” tfisser sejħa lura kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 22 tar-Regolament (UE) 2019/1020;
- (23) “irtirar” tfisser irtirar kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 23 tar-Regolament (UE) 2019/1020;
- (24) “markatura CE” tfisser markatura li permezz tagħha l-manifattur jindika li d-deterġent huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li tipprevedi t-twaħħil tagħha;
- (25) “miżura korrettiva” tfisser miżura kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 16 tar-Regolament (UE) 2019/1020;
- (26) “rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera” tfisser il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (27) “mezz ta’ data” tfisser simbolu tal-barcode lineari, simbolu bidimensjonali jew mezz ieħor ta’ ġbir awtomatiku tad-data ta’ identifikazzjoni li jista’ jinqara minn apparat;
- (28) “identifikatur uniku tal-prodott” tfisser sekwenza unika ta’ karattri li tippermetti l-identifikazzjoni ta’ prodott u li tippermetti link web għall-passaport tal-prodotti;

- (29) “identifikatur uniku tal-operatur” tfisser sekwenza unika ta’ karattri għall-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi involuti fil-katina tal-valur tal-prodotti;
- (30) “awtoritajiet doganali” tfisser l-awtoritajiet doganali kif definiti fl-Artikolu 5, il-punt 1 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (31) “Sistema ta’ Tieqa Unika Doganali għall-Iskambju taċ-Ċertifikati tal-UE” tfisser is-sistema msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴;
- (32) “imballaġġ individwali” tfisser imballaġġ li fih id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jitqiegħed fis-suq u li jkun maħsub biex jakkumpanja l-kontenut fil-post tal-użu;
- (33) “rikarika” tfisser l-operazzjoni li biha d-deterġent jimtela fil-ħanut minn kontenitur kbir fil-pakkett tal-utenti finali stess manwalment jew permezz ta’ tagħmir awtomatiku jew semiawtomatiku;
- (34) “lott” tfisser kwantità definita ta’ prodotti lesti li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- tiġi prodotta fi proċess ta’ manifattura wieħed jew f’serje ta’ proċessi matul l-istess ċiklu ta’ manifattura;
 - tkun maħsuba biex ikollha kompożizzjoni uniformi meta tiġi ttestjata f’konformità mal-istess metodi ta’ ttestjar; u
 - tkun iddefinita b’mod ċar minn numru tat-tip, numru tal-lott jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħha.
- (35) “utent finali” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika residenti jew stabbilita fl-Unjoni, li deterġent jew aġent tensjoattiv ikun tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha jew bħala konsumatur barra minn kwalunkwe kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni jew bħala utent finali professjonali matul l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħha.

KAPITOLU II

REKWIŻITI TAL-PRODOTTI

Artikolu 3

Moviment liberu

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jistgħu jiġu introdotti fis-suq jekk jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament biss.
2. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu l-introduzzjoni fis-suq ta’ deterġenti jew aġenti tensjoattivi li jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2022/2399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Novembru 2022 li jstabbilixxi l-Ambjent ta’ Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 1).

Artikolu 4

Bijodegradabbiltà

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' bijodegradabbiltà stabbiliti fl-Anness I.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal dawn li ġejjin:
 - (a) aġenti tensjoattivi li huma sustanzi attivi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u li jintużaw bħala diżinfettanti meta jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) l-aġenti tensjoattivi huma inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati kif stabbilit fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012;
 - (ii) l-aġenti tensjoattivi huma inklużi fil-programm ta' rieżami kif stabbilit fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014⁴⁵;
 - (b) aġenti tensjoattivi li huma kostitwenti ta' prodotti bijoċidali awtorizzati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012;
 - (c) aġenti tensjoattivi li huma kostitwenti ta' prodotti bijoċidali u li jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw f'konformità mal-Artikolu 89(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

Artikolu 5

Deterġenti li fihom il-mikro-organiżmi

Id-deterġenti li jkun fihom il-mikroorganiżmi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 6

Limitazzjonijiet fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosforu

Id-deterġenti elenkati fl-Anness III għandhom jikkonformaw mal-limitazzjonijiet fuq il-kontenut tal-fosfati u ta' komposti oħra tal-fosforu stabbiliti f'dak l-Anness.

⁴⁵ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

KAPITOLU III

OBBLIGI TAL-OPERATORI EKONOMIĊI

Artikolu 7

Obbligi tal-manifatturi

1. Meta jintroduċu deterġenti jew aġenti tensjoattivi fis-suq, il-manifatturi għandhom jiżguraw li dawk id-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jkunu ġew iddisinjati u mmanifatturati f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. Il-manifatturi għandhom ifasslu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness IV u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija f'dak l-Anness.

Meta l-konformità ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti applikabbli tkun intweriet permezz tal-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-manifatturi għandhom:

- (a) joħolqu passaport tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 18,
 - (b) jiżguraw li l-mezz ta' *data* jkun stampat jew inkella mqiegħed fuq it-tikketta jew fuq l-imballaġġ tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv b'mod viżibbli u li jinqara f'konformità mal-Artikolu 18(3),
 - (c) fejn rilevanti, iwaħħlu l-markatura CE f'konformità mal-Artikolu 14,
 - (d) qabel ma jintroduċu deterġenti jew aġenti tensjoattivi fis-suq, il-manifatturi għandhom jinkludu referenza tal-passaport tal-prodotti fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 20(1).
3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u l-passaport tal-prodotti għal 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn dik id-dokumentazzjoni jew mill-passaport tal-prodotti jkun ġie introdott fis-suq.
 4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkunu ġew stabbiliti proċeduri biex il-produttjoni tas-serje tibqa' konformi. Il-bidliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-prodott u l-bidliet fil-metodi ta' ttestjar li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità ta' prodott għandhom jitqiesu b'mod adegwat.

Meta jitqies xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta', jew tar-riskji ppreżentati minn, deterġent jew aġent tensjoattiv, il-manifatturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru tal-ilmenti, ta' deterġenti jew aġenti tensjoattivi mhux konformi u tas-sejħiet lura ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan.

5. Il-manifatturi li jintroduċu fis-suq deterġenti jew aġenti tensjoattivi għandhom jiżguraw li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' tikkettar stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17.
6. Il-manifatturi li jintroduċu fis-suq deterġenti li ma jissodisfawx il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikolużi skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandhom jipprovdu lill-korpi maħtura tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament, l-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti imsemmija fil-punt 2.2(e) tal-Anness IV.

Il-manifatturi għandhom jipprovdu l-iskeda tad-*data* dwar l-ingredjenti lill-korpi maħtura tal-Istati Membri msemmija fl-ewwel subparagrafu fil-każijiet li ġejjin:

(a) fuq talba mill-korpi maħtura tal-Istati Membri;

(b) meta d-deterġent li għalih tkun diġà ntalbet skeda tad-*data* ma jibqax jikkorrispondi mal-informazzjoni inkluża f'dik l-iskeda tad-*data*.

Il-korp maħtur imsemmi fl-ewwel subparagrafu u l-persunal mediku li lilu tkun ġiet ipprovduta l-informazzjoni li tinsab fl-iskeda tad-*data* għandhom iżommuha kunfidenzjali u jużawha għal skopijiet mediċi biss.

7. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jieħdu immedjatament il-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jinġieb konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-manifatturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.
8. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdulha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, fuq karta jew f'forma elettronika, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

Artikolu 8

Rappreżentant awtorizzat

1. Il-manifatturi jistgħu, b'mandat bil-miktub, jaħtru rappreżentant awtorizzat.
2. Meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jista' jiġi introdott fis-suq tal-Unjoni biss jekk il-manifattur jaħtar, b'mandat bil-miktub, rappreżentant awtorizzat.
3. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi kopja tal-mandat lill-awtorità kompetenti, fuq talba.

Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat jagħmel tal-anqas dawn li ġejjin:

- (a) jivverifika li l-passaport tal-prodotti jkun inħoloq f'konformità mal-Artikolu 7(2), il-punt (a), li d-dokumentazzjoni teknika tkun tfasslet u l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tkun twettqet mill-manifattur f'konformità mal-Artikolu 7(2);
- (b) iżomm il-passaport tal-prodotti u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq għal 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv kopert minn daww id-dokumenti jkun ġie introdott fis-suq;

- (c) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovi lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juri l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (d) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fuq talba tagħhom, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv kopert mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.
 - (e) itemm il-mandat jekk il-manifattur ma jikkonformax mal-obbligi tal-manifattur skont dan ir-Regolament.
4. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u l-obbligu li titfassal id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 7(2) ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

Artikolu 9

Obbligi tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom jintroduċu fis-suq biss deterġenti jew aġenti tensjoattivi konformi.
2. Qabel ma jintroduċu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw dan li ġej:
 - (a) il-manifattur ikun wettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u fassal id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 7(2);
 - (b) id-deterġent ikollu l-markatura CE msemmija fl-Artikolu 14;
 - (c) il-manifattur ikun ħoloq il-passaport tal-prodotti msemmi fl-Artikolu 7(2);
 - (d) l-informazzjoni rilevanti fuq il-passaport tal-prodotti tkun għet inkluża fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 20(1);
3. Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, l-importatur ma għandux jintroduċi d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq qabel ma dan jinġieb konformi. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, l-importatur għandu jinforma b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u l-indirizz postali u tal-posta elettronika li fih ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq it-tikketta tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
5. L-importaturi għandhom jiżguraw li d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jintroduċu fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' tikkettar stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17.
6. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li deterġent jew aġent tensjoattiv ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport tiegħu ma jipperikolawx il-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament.
7. Meta jitqies xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta' deterġent jew ta' aġent tensjoattiv jew tar-riskji ppreżentati minnhom, l-importaturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' tali deterġenti jew aġenti tensjoattivi, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ,

iżommu reġistru tal-ilmenti, ta' detergents u agents tensjoattivi mhux konformi u tas-sejħiet lura ta' tali detergents jew agents tensjoattivi, u għandhom iżommu lid-distributori informati dwar kwalunkwe monitoraġġ bħal dan.

8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jieħdu immedjatament il-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jinġieb konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-importaturi jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu introduċew fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament b'dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.
9. L-importaturi għandhom iżommu r-referenza għall-identifikatur uniku tal-prodott għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal perjodu ta' 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun ġie introdott fis-suq u għandhom jiżguraw li fuq talba, id-dokumentazzjoni teknika tkun tista' ssir disponibbli għal dawk l-awtoritajiet.
10. L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdulha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, f'forma stampata jew elettronika, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġent jew aġent tensjoattiv li huma jkunu introduċew fis-suq.

Artikolu 10

Obbligi tad-distributori

1. Meta jqiegħdu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq, id-distributori għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
2. Qabel ma jqiegħdu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq, id-distributori għandhom jivverifikaw li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u minn tikketta li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17;
 - (b) id-deterġent ikollu l-markatura CE msemmija fl-Artikolu 14;
 - (c) il-manifattur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(2) u (3) jew, kif applikabbli, l-importatur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(2).
3. Meta distributtur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li deterġent jew aġent tensjoattiv ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, id-distributtur ma għandux iqiegħed id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq qabel ma dan jinġieb konformi. Barra minn hekk, meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, id-distributtur għandu jinforma b'dan lill-manifattur u, fejn ikun rilevanti, lir-rappreżentant awtorizzat jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

4. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, waqt li deterġent jew aġent tensjoattiv ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport tiegħu ma jipperikolawx il-konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament.
5. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv jinġieb konformi, jiġi rtirat jew jissejjaħ lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta d-distributuri jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv li jkunu qiegħdu fis-suq jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom jinfurmaw immedjatament dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, u jagħtu dettalji, b'mod partikolari, ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.
6. Id-distributuri għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, fuq karta jew f'forma elettronika, meħtieġa biex juru l-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa minn deterġenti u aġenti tensjoattivi li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

Artikolu 11

Każijiet li fihom l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u għad-distributuri

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 7 meta dak l-importatur jew distributur jintroduċi deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq taħt ismu jew it-trademark tiegħu jew jimmodifika deterġent jew aġent tensjoattiv li diġà jkun ġie introdott fis-suq b'tali mod li l-konformità ma' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata.

Artikolu 12

Imballaġġ u imballaġġ mill-ġdid minn importaturi u distributuri

Meta importatur jew distributur jimballa jew jimballa mill-ġdid deterġent jew aġent tensjoattiv u ma jkunx soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 11, dak l-importatur jew distributur, kif applikabbli, għandu jkollu l-obbligi li ġejjin:

- (a) li jiżgura li l-imballaġġ ikollu fuqu ismu, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata u l-indirizz postali tiegħu preċeduti mill-kliem "imballat minn" jew "imballat mill-ġdid minn";
- (b) li jiżgura l-konformità mal-Artikoli 14 sa 17;
- (c) li jżomm ir-referenza għall-identifikatur uniku tal-prodott għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal 10 snin wara li jkun qiegħed id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq.

Artikolu 13

Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, jidentifikaw dawn li għejjin lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq:
 - (a) kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun fornierhom b'deterġent jew aġent tensjoattiv;
 - (b) kwalunkwe operatur ekonomiku li lilu jkunu forniew deterġent jew aġent tensjoattiv.
2. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għal 10 snin wara li jkunu għew fornuti bid-deterġent jew l-aġent tensjoattiv u għal 10 snin wara li jkunu forniew id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv.

KAPITOLU IV

MARKATURA U TIKKETTAR CE

Artikolu 14

Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-markatura CE

1. Il-markatura CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.
2. Il-markatura CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġġibbli u li ma titħassarx qabel ma deterġent jiġi introdott fis-suq.

Il-markatura CE għandha titwaħħal mat-tikketta jew mal-imballaġġ ta' deterġent jew, meta d-deterġent jiġi fornut bl-ingrossa, ma' dokument li jakkumpanja d-deterġent.

Meta, f'konformità mal-Artikolu 16(2), l-operaturi ekonomiċi jistgħu jipprovdu tikketta diġitali biss, il-markatura CE għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali.
3. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-reġim li jirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux xieraq ta' dik il-markatura.

Artikolu 15

Rekwiżiti ġenerali tat-tikkettar

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jitqiegħdu fis-suq f'imballaġġ individwali jew f'format ta' rikarika għandhom ikunu akkumpanjati minn tikketta.
2. Operatur ekonomiku li jqiegħed deterġent fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika għandu jipprovdi t-tikketta fiżika jew il-mezz ta' *data* li permezz tiegħu t-tikketta diġitali tkun aċċessibbli għall-utent finali.
3. It-tikketta tad-deterġenti u tal-aġenti tensjoattivi għandu jkun fiha l-informazzjoni li għejja:
 - (a) numru tat-tip, numru tal-lott jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom;
 - (b) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur u l-indirizz postali u tal-posta elettronika li fih jistgħu jiġu kkuntattjati. L-

indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur;

- (c) l-isem u l-isem kummerċjali tal-prodott;
- (d) il-kontenut tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv f'konformità mal-parti A tal-Anness V;
- (e) l-istruzzjonijiet għall-użu u prekawzjonijiet speċjali, fejn ikun meħtieġ u rilevanti.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu għandha tidher fuq id-dokumenti kollha li jakkumpanjaw id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi trasportati bl-ingrossa.

- 4. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, it-tikketta tad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u tad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur għandu jkun fiha informazzjoni dwar id-dożaġġ f'konformità mal-parti B tal-Anness V.
- 5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tkun f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-utenti finali, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandha tkun ċara, tinftiehem u intelliġibbli. It-tikketta għandha tkun aċċessibbli għal skopijiet ta' spezzjoni meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikunu mqiegħda fis-suq.

Artikolu 16

Forum ta' tikkettar

- 1. Meta d-deterġenti jew l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq, dawn għandhom ikunu akkumpanjati mill-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 15(3) u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 15(4) fil-forma li ġejja:
 - (a) fuq tikketta fiżika;
 - (b) fuq tikketta diġitali u duplikati fuq tikketta fiżika.B'deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-elementi tat-tikkettar stabbiliti fil-Parti C tal-Anness V ma għandhomx għalfejn jiġu duplikati fuq it-tikketta fiżika. Barra minn hekk, meta l-informazzjoni dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-parti B tal-Anness V tiġi pprovduta fuq it-tikketta diġitali, tista' tiġi pprovduta grilja tad-dożaġġ simplifikata kif stabbilit fil-parti D tal-Anness V fuq it-tikketta fiżika.
- 2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta d-deterġenti jitqiegħdu fis-suq direttament lil utent finali f'format ta' rikarika, l-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 15(3) u (4) jistgħu jiġu pprovduti f'tikketta diġitali biss, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni dwar id-dożaġġ għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur kif stabbilit fil-punti 1 u 2 tal-parti B tal-Anness V, li jeħtieġ li tiġi pprovduta wkoll fuq tikketta fiżika.

Artikolu 17

Rekwiżiti għat-tikkettar diġitali

- 1. Meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jkollhom tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 16, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għal dik it-tikketta:

- (a) l-elementi kollha tat-ticketta msemmija fl-Artikolu 15(3) u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 15(4) għandhom jiġu pprovduti f'post wieħed u separati minn informazzjoni oħra;
 - (b) l-informazzjoni fuq it-ticketta diġitali għandha tkun tista' tiġi mfittxija;
 - (c) l-informazzjoni fuq it-ticketta diġitali għandha tkun aċċessibbli għall-utenti kollha fl-Unjoni;
 - (d) it-ticketta diġitali għandha tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni minn qabel, tniżżil jew installazzjoni ta' applikazzjonijiet, jew li tipprovi password;
 - (e) l-informazzjoni fuq it-ticketta diġitali għandha tiġi ppreżentata b'mod li jindirizza l-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli u jappoġġa, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni minn dawk il-gruppi;
 - (f) it-ticketta diġitali għandha tkun aċċessibbli permezz ta' teknoloġiji diġitali użati b'mod wiesa' u għandha tkun kompatibbli mas-sistemi operattivi u l-browsers ewlenin kollha;
 - (g) meta t-ticketta diġitali tkun disponibbli f'aktar minn lingwa waħda, l-għażla tal-lingwa ma għandhiex tkun ikkundizzjonata mill-pożizzjoni ġeografika tal-utent finali;
 - (h) it-ticketta diġitali għandha tibqa' disponibbli għal perjodu ta' 10 snin mill-mument li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jiġi introdott fis-suq, anki f'każijiet ta' insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha, jew għal perjodu itwal kif meħtieġ skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tkopri l-informazzjoni li jkun fiha;
 - (i) l-informazzjoni fuq it-ticketta diġitali għandha tkun aċċessibbli permezz tal-mezz ta' *data*.
2. Il-mezz ta' *data* għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom.
- Minbarra r-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq f'format ta' rikarika, il-mezz ta' *data* għandu jkun preżenti fuq l-istazzjon ta' rikarika.
- Il-mezz ta' *data* għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod.
3. Meta l-operaturi ekonomiċi jipprovdu ticketta diġitali, il-mezz ta' *data* għandu jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni "Informazzjoni aktar komprensiva dwar il-prodott hija disponibbli online" jew minn dikjarazzjoni simili.
4. L-operaturi ekonomiċi li jipprovdu ticketta diġitali ma għandhomx jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw kwalunkwe informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li jkun assolutament meħtieġ għall-għoti tal-informazzjoni fuq it-ticketta diġitali online.

5. L-operaturi ekonomiċi li jipprovdu tikketta diġitali għandhom jipprovdu l-informazzjoni preżenti fit-tikketta diġitali b’mezzi oħra fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:
- (a) fuq talba orali jew bil-miktub mill-utent finali;
 - (b) meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli b’mod temporanju, inkluż fil-ħin tax-xiri.

L-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu indipendentement minn xiri ta’ deterġent jew ta’ aġent tensjoattiv u mingħajr ħlas.

KAPITOLU V

PASSAPORT TAL-PRODOTTI

Artikolu 18

Passaport tal-prodotti

1. Qabel ma jintroduċu deterġent jew aġent tensjoattiv fis-suq, il-manifatturi għandhom joħolqu passaport tal-prodotti għal dawk il-prodotti. Il-passaport tal-prodotti għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f’dan l-Artikolu u fl-Artikolu 19.
2. Il-passaport tal-prodotti għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) huwa għandu jikkorrispondi għal lott speċifiku tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv;
 - (b) huwa għandu jiddikjara li tkun intweriet il-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament, u, fejn rilevanti, jindika l-metodi ta’ ttestjar użati;
 - (c) huwa għandu jkun fih tal-anqas l-informazzjoni inkluża fl-Anness VI;
 - (d) għandu jkun aġġornat;
 - (e) huwa għandu jkun disponibbli fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru meta d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jiġi introdott jew jitqiegħed fis-suq;
 - (f) huwa għandu jkun aċċessibbli għall-utenti finali, għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, għall-awtoritajiet doganali, għall-Kummissjoni u għal operaturi ekonomiċi oħra;
 - (g) huwa għandu jkun disponibbli għal perjodu ta’ 10 snin wara li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jiġi introdott fis-suq, anki f’każijiet ta’ insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloq il-passaport tal-prodott;
 - (h) huwa għandu jkun aċċessibbli permezz ta’ mezz ta’ *data*;
 - (i) huwa għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 8.
3. Il-mezz ta’ *data* għandu jkun fiżikament preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom jew id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom, f’konformità mal-att ta’ implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 8.

Minbarra r-rekwiżit fl-ewwel subparagrafu, meta d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi jitqiegħdu fis-suq f'format ta' rikarika, il-mezz ta' *data* għandu jkun preżenti fuq l-istazzjon ta' rikarika.

Il-mezz ta' *data* għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-utent finali qabel kwalunkwe xiri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inkluż, fejn applikabbli, f'każijiet fejn id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikun disponibbli permezz ta' bejgħ mill-bogħod.

4. Meta l-operaturi ekonomiċi jipprovdu tikketta diġitali, għandu jintuża mezz ta' *data* wieħed biex jiġu aċċessati l-passaport tal-prodotti u t-tikketta diġitali.
5. Meta leġislazzjoni oħra tal-Unjoni tirrikjedi li l-informazzjoni dwar id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv tkun disponibbli permezz ta' mezz ta' *data*, għandu jintuża mezz ta' *data* wieħed biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u l-leġislazzjoni l-oħra tal-Unjoni.
6. Meta leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tapplika għad-deterġenti u għall-aġenti tensjoattivi tirrikjedi passaport tal-prodotti, għandu jinholq passaport tal-prodotti uniku għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, li jkun fih l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għall-passaport tal-prodotti minn dik il-leġislazzjoni l-oħra tal-Unjoni.
7. L-operaturi ekonomiċi jistgħu, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 5 u 6, jaġmlu informazzjoni oħra aċċessibbli permezz tal-mezz ta' *data* msemmi fil-paragrafu 6. Meta dan ikun il-każ, dik l-informazzjoni għandha tiġi separata b'mod ċar mill-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament u, fejn rilevanti, skont leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.
8. Billi joħloq il-passaport tal-prodotti, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament.
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina r-rekwiżiti speċifiċi u tekniċi relatati mal-passaport tal-prodotti għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jistabbilixxu tal-anqas dawn li ġejjin:
 - (a) it-tipi ta' mezzi ta' *data* li għandhom jintużaw;
 - (b) it-tqassim li bih għandu jiġi ppreżentat il-mezz ta' *data* u l-pożizzjonament tiegħu;
 - (c) l-elementi tekniċi tal-passaport li għalihom għandhom jintużaw standards Ewropej jew internazzjonali definiti;
 - (d) l-atturi li jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw l-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti, inkluż fejn meħtieġ il-ħolqien ta' passaport ġdid tal-prodotti, inklużi l-manifatturi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u l-Kummissjoni, jew kwalunkwe organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom, u t-tipi ta' informazzjoni li jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw;

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Artikolu 19

Disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport tal-prodotti

Id-disinn tekniku u t-tħaddim tal-passaport tal-prodotti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) il-passaporti tal-prodotti maħluqa skont dan ir-Regolament għandhom ikunu kompletament interoperabbli mal-passaporti tal-prodotti meħtieġa minn leġislazzjoni oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-aspetti tekniċi, semantiċi u organizzattivi tal-komunikazzjoni minn tarf sa tarf u tat-trasferiment tad-*data*;
- (b) l-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport tal-prodott għandha tkun ibbażata fuq standards trasparenti żviluppata b'format interoperabbli u jenħtieġ li din tkun tista' tinqara mill-magni, tkun strutturata u jkun jista' jsir tiftix għaliha;
- (c) l-utenti finali, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess għall-passaport tal-prodotti mingħajr ħlas;
- (d) id-*data* inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tinħażen mill-operatur ekonomiku responsabbli għall-ħolqien tiegħu jew minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'ismu;
- (e) jekk id-*data* inkluża fil-passaport tal-prodotti tinħażen jew tiġi pproċessata b'mod ieħor minn operaturi awtorizzati li jaġixxu f'isem operaturi ekonomiċi li jintroduċu d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv fis-suq, dawk l-operaturi ma għandhomx ikunu jistgħu jbigħu, jużaw mill-ġdid jew jipproċessaw tali *data*, b'mod sħiħ jew parzjali, lil hinn minn dak li jkun meħtieġ għall-forniment tas-servizzi rilevanti ta' ħżin jew ta' pproċessar;
- (f) l-operaturi ekonomiċi ma jistgħux jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw kwalunkwe informazzjoni dwar l-użu għal finijiet oħra għajr dak li jkun assolutament meħtieġ għall-għoti tal-informazzjoni dwar il-passaport tal-prodotti online.

Artikolu 20

Reġistru tal-passaporti tal-prodotti

1. Qabel ma jintroduċu fis-suq deterġent jew aġent tensjoattiv, l-operaturi ekonomiċi għandhom itellgħu, fir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodiġisinn għal Prodotti Sostenibbli l-identifikatur uniku tal-prodott u l-identifikatur uniku tal-operatur għad-deterġent jew għall-aġent tensjoattiv.
2. Il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali għandu jkollhom aċċess għar-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 21

Kontrolli doganali relatati mal-passaport tal-prodotti

1. Id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal verifiki u miżuri oħra stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-dikjaranti kif iddefiniti fl-Artikolu 5, il-punt (15) tar-Regolament (UE) 952/2013 għandhom jinkludu l-identifikatur uniku tal-prodott fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' kwalunkwe deterġent jew aġent tensjoattiv.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw jekk l-identifikatur uniku tal-prodott indikat mid-dikjarant f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jaqbilx ma' identifikatur uniku tal-prodott inkluż fir-reġistru f'konformità mal-Artikolu 20(1).
4. Minbarra l-verifika msemmija fil-paragrafu 3, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw il-konsistenza tal-informazzjoni magħmula disponibbli għad-dwana mid-dikjaranti ma' informazzjoni oħra maħżuna fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 20(1) elenkat fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 26(3).
5. Il-verifiki msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandhom isiru b'mod elettroniku u awtomatiku qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.
6. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 sa 5, għandha tintuża l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 20(1) u s-Sistema ta' Tieqa Unika Doganali għall-Iskambju taċ-Ċertifikati tal-UE msemmija fl-[Artikolu 13 tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli].
7. Il-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom japplikaw mill-jum meta l-interkonnessjoni bejn ir-reġistru u s-Sistema ta' Tieqa Unika Doganali għall-Iskambju taċ-Ċertifikati tal-UE msemmija fl-[Artikolu 13 tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] issir operattiva.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għal dak il-għan li jindika d-data meta l-interkonnessjoni ssir operattiva.

8. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirkupraw u jużaw l-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti u fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 20(1) għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inkluż għall-ġestjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
9. Il-verifiki u miżuri oħra stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jitwettqu abbażi ta' lista ta' kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, li taħthom huma kklassifikati d-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi kif ukoll id-deskrizzjonijiet tal-prodott ta' dawk id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi.
10. Il-verifiki u l-miżuri stabbiliti f'dan l-Artikolu ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni ta' atti legali oħra tal-Unjoni li jirregolaw ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti, inklużi l-Artikoli 46, 47 u 134 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, kif ukoll il-kontrolli msemmija fil-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020.

KAPITOLU VI

SORVELJANZA TAS-SUQ

Artikolu 22

Proċedura fil-livell nazzjonali biex jiġu ttrattati deterġenti u aġenti tensjoattivi li jippreżentaw riskju

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li deterġent jew aġent tensjoattiv jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha

stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal dak l-iskop.

2. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li test imwettaq f'konformità mal-metodi elenkati fl-Anness I jew fl-Anness II ikun iproduċa riżultati foloz, huma għandhom iwettqu kontrolli biex jivverifikaw il-konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ma' dan ir-Regolament f'konformità mal-metodi ta' referenza stabbiliti fl-Annessi I, II u VII. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx ikunu obbligati jħallsu għal xi test ripetut jew addizzjonali, dment li t-test inizjali jkun wera l-konformità tad-deterġenti, jew tal-aġenti tensjoattivi, ma' dan ir-Regolament.
3. Meta, matul il-kontrolli msemmija fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, huma għandhom jitolbu, mingħajr dewmien, li l-operaturi ekonomiċi rilevanti jieħdu l-azzjoni korrettiva xierqa kollha biex id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jinġieb konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, jiġi rtirat mis-suq, jew jissejjaħ lura f'perjodu raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1.
4. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx limitat għat-territorju nazzjonali tagħhom, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stati Membri oħra biriżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li jkunu talbu jieħu lill-operatur ekonomiku.
5. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fir-rigward tad-deterġenti jew tal-aġenti tensjoattivi kollha kkonċernati li l-operatur ekonomiku jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.
6. Meta l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva adegwata fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 3, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq nazzjonali tagħhom tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, biex jirtiraw id-deterġent jew l-aġent tensjoattiv minn dak is-suq jew biex jordnaw is-sejħa lura tiegħu.
L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stati Membri oħra, mingħajr dewmien, b'dawk il-miżuri.
L-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-*data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv mhux konformi, l-orijini ta' dak id-deterġent jew aġent tensjoattiv, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti.
7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jibda l-proċedura skont dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stati Membri oħra bi kwalunkwe miżura adottata u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom relatata man-nuqqas ta' konformità tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat, u, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali adottata, bl-oġġezzjonijiet tagħhom.
8. Meta, fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la minn awtorità tas-

sorveljanza tas-suq u lanqas mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura provviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies bħala ġustifikata.

9. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiżguraw li jittieħdu mingħajr dewmien miżuri restrittivi xierqa, bħall-irtirar mis-suq tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, fir-rigward tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv ikkonċernat.
10. Meta, għall-finijiet tal-paragrafi 4, 6, 7 u 8, tiġi kkomunikata informazzjoni lill-Kummissjoni jew lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq, dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Artikolu 23

Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Meta, mat-tlestija tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22(3), (4) u (5), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq, jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġislazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mal-operatur ekonomiku jew mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-risultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina jekk il-miżura nazzjonali tkunx ġustifikata jew le.

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha lilhom u lill-operatur ekonomiku jew lill-operaturi ekonomiċi rilevanti mingħajr dewmien.

2. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li hija ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mhux konformi jiġi rtirat mis-suq tagħhom, u għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.
3. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma hijiex ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira dik il-miżura.

Artikolu 24

Deterġenti u aġenti tensjoattivi konformi li jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għall-ambjent

1. Meta, wara li tkun wettqet evalwazzjoni skont l-Artikolu 22(1), awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li għalkemm deterġent jew aġent tensjoattiv ikun konformi ma' dan ir-Regolament, huwa jippreżenta riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv ikkonċernat, meta jiġi introdott fis-suq, ma jkunx għadu jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtira d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv mis-suq jew biex jordna s-sejħa tiegħu lura, f'perjodu raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.
2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tad-deterġenti jew tal-aġenti tensjoattivi kkonċernati kollha li l-operatur ekonomiku jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.

3. L-awtorità tas-sorveljanza tas-suq għandha tinforma immedjatament lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri l-oħra. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari *d-data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tad-deterġenti jew tal-aġenti tensjoattivi kkonċernati, l-orijini u l-katina tal-provvista tad-deterġent jew tal-aġent tensjoattiv, in-natura tar-riskju involut u n-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda.
4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tidħol f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mal-operatur jew mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina jekk il-miżura nazzjonali tkunx ġustifikata jew le u, meta jkun meħtieġ, tipproponi miżuri xierqa.

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew lill-operaturi ekonomiċi rilevanti.

Artikolu 25

Nuqqas ta' konformità formali

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22, meta awtorità tas-sorveljanza tas-suq tagħmel waħda mis-sejbiet li ġejjin, hija għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jtemm in-nuqqas ta' konformità kkonċernat:
 - (a) il-markatura CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 14 jew ma tkun twaħħlet xejn;
 - (b) il-passaport tal-prodotti ma jkunx tfassal f'konformità mal-Artikoli 18 u 19;
 - (c) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 7(2) ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta;
 - (d) il-mezz ta' *data* li permezz tiegħu jkun aċċessibbli l-passaport tal-prodotti u, fejn rilevanti, it-tikketta diġitali, ma jkunx preżenti fuq id-deterġent jew fuq l-aġent tensjoattiv, l-imballaġġ tagħhom, id-dokumentazzjoni li takkumpanjahom jew fuq l-istazzjon ta' rikarika, kif applikabbli;
 - (e) it-tikketta ma tkunx ġiet ipprovduta jew l-informazzjoni tat-tikkettar imsemmija fl-Artikoli 15 u fl-Anness V tkun falza jew mhux kompluta;
2. Meta n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 jippersisti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi li d-deterġent jew l-aġent tensjoattiv jitqiegħed fis-suq jew jiżgura li dan jissejjaħ lura jew jiġi rtirat mis-suq.

KAPITOLU VII

SETGĦAT DELEGATI U PROĊEDURA TA' KUMITAT

Artikolu 26

Setgħat delegati

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness VI, fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-passaport tal-prodotti, għall-finijiet tal-adattament tagħha għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell ta' prontezza diġitali tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-utenti finali.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, biex temenda l-Artikolu 20(1) billi tirrikjedi li informazzjoni addizzjonali fost l-informazzjoni elenkata fl-Anness VI tiġi maħżuna fir-reġistru.
Meta tadotta l-atti delegati f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:
 - (a) il-koerenza ma' atti rilevanti oħra tal-Unjoni fejn rilevanti;
 - (b) il-ħtieġa li tkun tista' ssir il-verifika tal-awtentiċità tal-passaport tal-prodotti;
 - (c) ir-rilevanza tal-informazzjoni għat-titjib tal-effiċjenza u tal-effettività tal-verifiki tas-sorveljanza tas-suq u tal-kontrolli doganali għad-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi;
 - (d) il-ħtieġa li jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat għall-operaturi ekonomiċi.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina informazzjoni addizzjonali maħżuna fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 20(1) li għandha tiġi kkontrollata mill-awtoritajiet doganali.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda dan ir-Regolament billi tipprovdi Anness li jkun fih lista ta' kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, u deskrizzjonijiet tal-prodott ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi u billi taġġorna tali Anness.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Annessi I sa VII biex jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku.
6. Meta evidenza xjentifika ġdida tindika l-ħtieġa li jiġu introdotti rekwiżiti ta' bijodegradabbiltà għal sustanzi u taħlitiet għajr aġenti tensjoattivi fid-deterġenti, inkluż kapsuli ta' deterġenti, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness I biex tistabbilixxi kriterji ta' bijodegradabbiltà għal dawk is-sustanzi u taħlitiet u metodi ta' ttestjar biex tiġi vverifikata l-konformità magħhom.

Meta tadotta atti delegati f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-prattiki attwali tal-manifattura, id-disponibbiltà ta' alternattivi

teknikament u ekonomikament fattibbli u l-impatti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

7. Meta jkunu stabbiliti limiti ta' konċentrazzjoni individwali bbażati fuq ir-riskju għall-allerġeni tal-fwieħa fir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness V sabiex tadatta l-limiti tal-fwejjaħ allerġeniċi elenkati fl-Anness III ta' dak ir-Regolament skont dan.
8. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex tissupplimenta dan ir-Regolament, billi tiddetermina r-rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar diġitali tad-deterġenti. Dawk ir-rekwiżiti għandhom tal-anqas jistabbilixxu t-tipi ta' soluzzjonijiet tal-IT, li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jużaw, u l-mezzi alternattivi għall-għoti tal-informazzjoni dwar it-tikketta diġitali, imsemmija fl-Artikolu 17.

Meta tadotta l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

- (a) il-koerenza ma' atti rilevanti oħra tal-Unjoni fejn rilevanti;
 - (b) il-ħtieġa li tiġi mħeġġa l-innovazzjoni;
 - (c) in-newtralità teknoloġika kkaratterizzata min-nuqqas ta' restrizzjonijiet jew preskrizzjonijiet dwar l-għażla tat-teknoloġija jew tat-tagħmir, fil-limiti tal-kompatibbiltà u l-evitar tal-interferenza;
 - (d) il-ħtieġa li t-tikkettar diġitali ma jikkompromettix is-sikurezza tal-utenti finali u tal-ambjent.
 - (e) il-livell ta' pronteza diġitali fost il-gruppi kollha tal-popolazzjoni fl-Unjoni.
9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 biex temenda l-Anness V, fir-rigward tal-informazzjoni tat-tikkettar, li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jipprovdu biss b'mod diġitali f'konformità mal-Artikolu 16, għall-finijiet tal-adattament tagħha għall-progress tekniku u xjentifiku u għal-livell ta' pronteza diġitali fost l-utenti finali tad-deterġenti. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

Artikolu 27

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmeja fl-Artikolu 26 għal perjodu ta' żmien indeterminat.

⁴⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 26 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 26 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 28

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar id-deterġenti. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VIII DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 29

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk il-miżuri u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 30

Emenda tar-Regolament (UE) 2019/1020

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1020, il-punt 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“15. Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar it-tqegħid fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi (ĠU L ...)”.

Artikolu 31

Rapport

Sa [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni ta' kif dan ir-Regolament ikun qed jilħaq l-oġġettivi tiegħu, inkluża valutazzjoni dwar l-impatt fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Artikolu 32

Rieżami tal-mikroorganiżmi

Sa [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 3 snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività u r-rilevanza tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għad-deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi kif ukoll il-possibbiltà li tinkludi mikroorganiżmi jew razez ta' mikroorganiżmi ġodda permessi fid-deterġenti fl-Anness II.

Artikolu 33

Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 648/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 jitħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 34

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' deterġenti u aġenti tensjoattivi li jiġu introdotti fis-suq qabel [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi ... [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = jum qabel 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]

Deterġenti u aġenti tensjoattivi li, jiġu introdotti fis-suq wara [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni = jum qabel 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] u li fil-mument tal-introduzzjoni tagħhom fis-suq jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 648/2004 kif applikabbli fi [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni = jum qabel 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], jistgħu jitqiegħdu fis-suq sa [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Artikolu 35

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = 30 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*